**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 362/2017

Appell Nru. 364/2017

**Il-Pulizija**

**Spettur Louise Calleja**

**Vs**

**Carmel Sebastian Fenech**

Illum, 18 ta' Settembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Sebastian Fenech detentur tal-karta ta' l-identita' numru 309160M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Gewwa r-Rabat u fi bnadi oħra f'dawn il-gzejjer, f'Ottubru 2012 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1) Ikkomettejt attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna ta' Joanne Rizzo liema persuna ma setghetx tirresisti minhabba marda tal-gisem jew mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li tkun inqdejt bihom;

2) Bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arestajt, zammejt jew issekwestrajt lill-imsemmija Joanne Rizzo kontra l-volonta taghha u dan bhala mezz biex l-imsemmija persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Awwissu, 2017 fejn il-Qorti lliberatu mit-tieni stante li ma tirrizultax, illiberatu mit-tielet stante d-decitura tal-Artikolu 209 u sabitu hati tal-ewwel.

Rat l-Artikolu 201(b)) tal-Kap 9. u kkundannatu tlett xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ordnat li jibqaw sospizi ghal sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu fit-termini tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmel Sebastian Fenech minnu pprezentat fl-14 ta' Awwissu, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u minnha illiberatu cioe t-tieni (2) u it-tielet (3) il-imputazzjoni.

(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati cioe tal-ewwel (1) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-31 ta'Awwissu, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Carmel Sebastian Fenech ħati ta' l-imputazzjoni enumerata bin-numru wieħed (1) kif dedotta kontra tiegħu; u

2. tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni enumerata bin-numru tnejn (2) kif dedotta kontra tiegħu;

1. tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tielet (3) imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u minflok issib lill-appellat ħati ta' din it-tielet (3) imputazzjoni filwaqt li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi u fil-parametri relattivi;

2. tirrevokaha u tħassarha ukoll f'dik il-parti fejn l-appellat ġie kkundannat għal piena ta' tlett (3) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ġew sospizi għal sena mid-data tas-sentenza u minflok teroga piena fil-parametri relattivi u in pjena ottemporanza mal-Liġi;

Rat l-aggravji tal-appellanti Carmel Sebastian Saliba u cioe':-

Illi kif se jigi ppruvat waqt il-mori tal-appell, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi minkejja li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet espozizzjoni korretta tal-ligi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza pero ghamlet applikazzjoni hazina tal-istess fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz inkwistjoni.

F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti bram mis-sentenza appellata:

*"Fil-fehma tal-Qorti huwa appena sufficjenti li jinghad li tkun taht il-kura psikjatrika ghal zmien daqshekk twil tfisser li tbati b'xi marda tal-mohh. Jekk tfissirx ukoll li minhabba f'hekk ma tkunx tista' tirresisti ghall-attentat ghal pudur kontra l-persuna tieghek hi kwistjoni ohra li l-prosekuzzjoni ma indenjax jew ma hasbitx li ghandha isaqsi lit-tabib."*

Illi mkien fil-provi ma rrizulta li fi zmien tal-akkuza l-kwerelanti kienet b'xi mod qed tbati minn xi marda li jirrendiha impotenti li tirrezisti approci sesswali jew li l-kunsens taghha minhabba f'hekk kien ivvizzjat.

Dan qieghed jinghad hawnhekk ghaliex hawnhekk si tratta ta' attentat vjolenti ghal pudur tal-kwerelanti u mhux kaz ta' stupru, anzi l-provi kollha prodotti jindikaw li l-avvanzi kollha f'din ir-relazzjoni kienu gejjin propju mill-kwerelanti ezempju kienet tkun hi li tinsisti li tiltaqa ma' l-imputat, tmur ghalih hi bil-karozza taghha ghaliex l-imputat ma jsuqx u m'ghandux karozza kif ukoll kienet tiehdu fid-dar taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma haditx konjizzjoni tax-xhieda fit-tul kemm tal-esponent kif ukoll ix-xhieda tax-xhud expert

Professur David Mamo u dan fis-sens illi x-xhieda tal-esponent tipprova li fir-relazzjoni in kwistjoni l-persuna vulnerabbli kien l-esponent u mhux il-kwerelanti minhabba l-personalita' b'sahhitha u persistenti tal-kwerelanti u cirkostanzi medici tal-appellant.

In oltre ghandu jinghad li l-istess xhieda ikkonfermat li certu atti li taghmel referenza ghalihom il-kwerelanta ma setghu qatt sehhu kemm ghaliex f'xi kazijiet il-lok li hija ssemmi ma kienx jippermetti dan kif ukoll ghaliex certu prestazzjonijiet fizici di parti tal-appellant ma sentghu qatt isehhu minhabba l-medicinali li kien jiehu daz-zmien li ghadu johodhom sa llum kif ukoll minhabba fatturi ohra.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **ir-raba' aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bl-akbar rispett mir-rizultanzi processwali l-allegat reat kontemplat fl-ewwel akkuza ma setgha qatt jissussisti. Jekk wiehed jifli sew ix-xhieda dettaljata tal-Professur David Mamo wiehed jintebah li l-Professur Mamo kienu qed jinqraw l-brami mix-xhieda tat-Tabib David Cassar li xehed dwar il-kwerelanti u l-istess Professur Mamo kien qed jikkonferma li dak li kien applikabbli ghal kwerelanta kien ugwalment applikabbli ghall-esponent.

Ghalhekk bl-istess kejl tal-prosekuzzjoni l-imputat u l-kwerelanta kienu t-tnejn vulnerabbli u ghaldaqstant jekk wiehed kellu jaccetta l-argument li l-imputat b'xi mod sfrutta l-vulnerabilta tal-kwerelanti bl-istess mod il-kwerelanta sfruttat il-vulnerabilta tal-imputat u kwindi tqum id-domanda: Kif jista bniedem vulnerabbli jisfrutta l-vulnerabilta' ta' haddiehor?

Mill-provi jirrizulta li dawn l-atti bejn l-esponent u l-kwerelanta saru minn zewg persuni maggorenni, kienu konsenswali u reciproci. Fuq kollox jirrizulta li z-zewg persuni kienu qeghdin ibatu minn kundizzjoni medika identika ghal xulxin. Galadarba jekk kemm l-

esponent u anke l-kwerelanti kienu t-tnejn li huma fi stat ta′ vulnerabilta′, ir-reat addebitat lil esponenti ma jissussistix.

Kien ghalhekk li l-appellant dejjem ikkontesta u se jibqa jikkontesta l-allegazzjoni ta′ vulnerabilta′ fil-konfront tal-kwerelanti u cioe fit-tifsira legali taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravji precedenti **il-hames aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi, bl-akbar rispett il-fedina penali, ic-cirkostanzi medici kif ukoll il-gid socjali u l-kontribut socjali li ghamel l-esponenti u s-sitwazzjoni prezenti tal-esponent kellhom jinghataw aktar attenzjoni u kellhom jigu moghtija piz akbar meta l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-piena. L-esponent umilment jemmen illi c-cirkostanzi hawn fuq imsemmija jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Avukat Generali u cioe':-

Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta′ Awwissu tas-sena elfejn u Sbatax (2017), l-esponent Avukat Ġenerali irċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata billi erogat piena li hija anqas mill-minimu stabbilit mill-liġi għar-reat li tiegħu instab ħati l-appellat.

**L-Ewwel Aggravju**

Illi l-esponent iħossu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu li filwaqt li jaqbel fir-rigward tas-sejbien ta′ ħtija fl-ewwel akkuża kif dedotta, madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat għal piena li taqa′ taħt il-parametri previsti mil-liġi. Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f′li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat għal tlett (3) xhur priġunerija (sospiżi għal sena) meta il-**minimu**

**assolut** stabbilit mill-liġi għar-reat li tiegħu instab ħati l-appellat huwa ta' **sitt xhur priġunerija**;

Illi l-Artikolu 201(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi r-reat għall attentat vjolenti għal pudur (mertu tal-ewwel akkuza) u infatti jgħid hekk:

> **201.** *L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolent -*
> *(a) meta jsir fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena;*
> *(b) meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.*

Illi l-appellat infatti ġie misjub ħati mill-Ewwel Onorabbli Qorti tar-reat fl-artikolu sopraċitat. Illi għalhekk il-piena applikabbli għal dan ir-reat hija prevista fl-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> **207.** *Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena:*
>
> *Iżda* ***fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad***.[1]

Illi mid-diċitura ta' dan l-artikolu hawn kwotat, joħroġ ċar li l-piena espressament preskritta mil-Liġi għall dan ir-reat huwa ta' priġunerija minn tlett xhur sa sena, madanakollu, l-proviso tal-istess Artikolu jgħid ukoll li fejn jissussisti xi wieħed mill-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 202 tal-istess Kap, din il-piena għandha tizdied bi grad. Illi

---

[1] Enfazi u sottolinear tal-esponent.

hawnhekk id-diċitura hija ċara u għalhekk l-Qorti ma għandha ebda diskrezzjoni jekk tapplikax o meno din l-aggravanti ġaladarba din hija tassattiva;

Illi meta wieħed jagħti ħarsa lejn l-Artikolu 202 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jinduna li wieħed mill-kazijiet postulati minn dan l-artikolu jiffigura kjarament fil-mertu ta' dan il-proċess u cioe' is-subinċiz (j) tal-istess Artikolu 202. Illi għal benefiċċju ta' prattiċita, l-esponent sejjer jirriproduċi l-Artikolu 202 kif ser isegwi:

**202.** *Il-piena stabbilita għad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub titolu, tiżdied bi grad swa żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) meta l-ħati jkun inqeda bil-kwalità tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, jew meta jkun seftur tal-persuna offiża, b'salarju jew ħlas ieħor;*

*(b) meta d-delitt isir minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena;*

*(ċ) meta d-delitt isir fuq priġunier mill-persuna li jkollha l-inkarigu tal-kustodja jew tat-trasport ta' dak ilpriġunier;*

*(d) meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jiġi mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed;*

*(e) meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jagħmel użu minn armi regulari;*

*(f) meta l-persuna li fuqha jkun sar id-delitt, jew persuna oħra li tkun resqet biex tagħtiha għajjut, tiġi offiża fuq il-persuna;*

*(g) jekk il-persuna li fuqha jsir l-istupru tkun minuri;*

*(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':*

*(i) il-konjuġi; jew*

*(ii) l-ħu jew l-oħt; jew*

*(iii) axxendent jew dixxendent naturali; jew*

*(iv) xi persuna oħra li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-ħati; jew*

*(v) xi persuna oħra li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati matul perjodu ta' sena qabel ir-reat; jew*

*(vi) persuna oħra li tkun jew kienet kemm formalment kemm informalment għarusa bilħsieb li tiżżewweġ; jew*

*(vii) persuni oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi żwieġ sat-tielet grad inklużivament:*

*Iżda li f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi lillpersuna li ż-żwieġ tagħha mal-ħati jkun ġie xolt jew dikjarat null;*

*(i) meta d-delitt isir quddiem minuri jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir;*

*(j)* ***id-delitt, jew id-delitti relatati, saru ripetutament****;*[2]

*(k) id-delitt sar kontra persuna vulnerabbli fi ħdan ittifsira tal-artikolu 208AĊ(2);*

*(l) id-delitt sar bit-theddida ta' arma;*

*(m) id-delitt wassal għal ħsara ħarxa fiżika jew psikoloġika għall-vittma;*

(*n*) min wettaq id-delitt ikun qabel ġie misjub ħati ta' delitt ta' xorta simili.

Illi mill-provi li ġew prodotti f'dan il-proċess jirrizulta b'mod ċar li d-delitt li tiegħu instab ħati l-appellat (cioe' ta' attentat vjolenti fuq il-pudur ta' Joanne Rizzo) sar ripetutament f'diversi okkazjonijiet, hekk kif stqarru mhux biss il-vittma Joanne Rizzo izda ukoll l-appellat stess kemm fl-istqarrijiet li rrilaxxa kif ukoll reġa ikkonferma dawn l-okkazjonijiet meta għazel li jixhed viva voce quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Hawnhekk l-esponent jagħmel referenza għall-istqarrija tal-appellat li rrilaxxa nhar id-9 ta' Novembru 2011 u ezebit *a fol.* 168 tal-atti proċesswali fejn l-appellat stqarr li:

a. L-appellat talab lil Joanne Rizzo sabiex tagħmel sess orali fuqu u kif ukoll kien imissilha l-parti privata tagħha;[3]

---

[2] Enfazi u sottolinear tal-esponent.

[3] *Vide fol.* 168, linja 7 minn fuq u fol. 169, linja 3 minn fuq.

b. L-appellat qal ukoll li kien hemm **<u>mumenti[4]</u>** ta' intimita ma ' Joanne Rizzo li jikkonsistu fil-partijiet privati tagħha u tiegħu;[5]
c. L-appellat ikkonferma ukoll li kien hemm mumenti intimi bejnu u bejn Joanne ġewwa l-kunvent meta l-istess Joanne kienet tmur kull nhar ta' sibt;[6]

Illi effettivament anke l-imputazzjonijiet kif ġew dedotti kontra l-appellat jindikaw b'mod ċar li d-delitti imputati saru ripetutament, tant li ġie akkuzat bl-hekk imsejjaħ reat kontinwat. Illi għalhekk huwa palezi li l-aggravju tal-Artikolu 202(j) japplika f'dawn il-proċeduri stante li apparti l-provi fornuti mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, għandna ukoll l-ammisjoni tal-appellat stess li kkonferma li kkommetta r-reat ripetutament u f'diversi okkazjonijiet. Illi għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tapplika tabilfors l-aggravju tal-Artikolu 202 u konsegwentement il-piena applikabbli għall appellat kellha titla bi grad u għalhekk kellha tibda minn minimu ta' ħames xhur għal massimu ta' tmintax il-xahar. Illi għalhekk jirrizulta b'mod ċar li l-piena erogata mill-Qorti hawn imsemmija, kjarament taqgħa taħt il-parametri speċifikati mil-Liġi;

Illi a skans ta' kull ekwivoku jiġi mmedjatament rilevat illi fil-każ *de quo* ma kienu jissussitu ebda raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu stabilit mil-Liġi, ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, effettivament lanqas ma hemm imsemmi (bir-reqqa kollha) fis-sentenza xi raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu, ai termini ta' l-istess artikolu;

---

[4] Enfazi u sottolinear tal-esponent.

[5] *Vide fol.* 168, linja 4 minn fuq.

[6] *Vide fol.* 168 linja 2 minn isfel u *fol.* 169 l-ewwel linja minn fuq.

Il-prinċipju segwit mill-ordinament ġuridiku tagħna f'sitwazzjonijiet bħal dawn hu li l-pieni erogati ma jitgħux ikunu taħt il-minimu sanċit mill-Liġi. F'dan il-każ in diżamina, l-Liġi (speċifikament l-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jforni l-ebda diskrezzjoni lill-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk il-Qorti hija marbuta li tapplika l-piena kollha inkluz bl-aggravju ta' zieda ta' grad, skont kif sanċit permezz tal-Artikolu 202 tal-Kap 9;

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u>** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti <u>jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi</u>[7] u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **<u>Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio</u>**[8], **<u>Il-Pulizija vs.</u>**

---

[7] Sottolinear u enfasi tal-esponent.

[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

**Jeremy James Farrugia**[9] **u Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[10]**.** Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,*[11] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi****."*[12]

Illi r-*raison d'être* ta' dan l-aggravju, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il *'pound of flesh'* iżda li tiġi inflitta l-piena kif prevista mil-Liġi stess. L-unika motivazzjoni li għandhu l-esponent sabiex iressaq dan l-Aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas il-minimu ta' dik kontemplata fil-Liġi. L-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern.

---

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[10] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[11] Sottolinear tal-esponent.

[12] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

Illi l-Avukat Ġenerali rarament jappella dwar il-piena u appell f'dan is-sens isir meta l-piena ma tkunx fil-parametri tal-Liġi sew jekk tkun taħt il-minimu u sew jekk tkun eċċessiva. Li qed jikkontendi l-esponent f'dan l-appell mhuwiex id-diskrezzjoni tal-Qorti li teroga l-piena li jidrilha xierqa, iżda li l-piena ma tkunx taħt il-minimu stabbilit sabiex b'hekk il-Liġi tiġi applikata bl-istess mod ma kulħadd. Għaldaqstant l-esponent jitlob lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex teroga piena in konformita mal-Liġi.

**It-Tieni Aggravju**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa ukoll ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-appellat mit-tielet akkuza u cioe' li offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għal pubbliku ai termini tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Mlata u dan meta ġie ampjament pruvat mill-prosekuzzjoni li l-appellat wettaq attivitajiet ta' natura sesswali f'post li ċertament huwa pubbliku;

Illi infatti mill-atti jirrizulta li l-appellat kien ħajjar lill-Joanne Rizzo sabiex imorru bil-karozza flimkien ġewwa l-buskett u waqt li kienu hemmhekk l-appellat talab lil Joanne tgħamel att sesswali fuq il-parti privata tal-appellat stess. Dan l-istat ta' fatt mhux biss xehditu l-istess Joanne Rizzo fid-depozizzjoni tagħha, izda kien l-appellat stess li ammetta għal dan il-fatt kemm fl-istqarrija,[13] kif ukoll meta xehed *viva voce*. Illi l-esponent jagħmel referenza għal fol. 332, 343 u 347 tal-atti proċesswali, fejn fix-xhieda tiegħu l-appellat ikkonferma li wettaq attivita sesswali ma Joanne Rizzo waqt li kienu ġewwa

---

[13] *Vide fol.* 168 tal-atti proċesswali.

vettura f'post pubbliku u cioe' ġewwa l-buskett. Illi huwa ta' min jippreċiża li l-buskett huwa post li mhux biss huwa aċċessibbli għal pubbliku izda huwa ġeneralment frekwentat ħafna mill-familji, stante li huwa *park* naturali. Illi għalhekk ġaladarba dan il-fatt ġie pruvat mill-prosekuzzjoni lil' hinn minn kull dubju raġonevoli, l-Qorti għandha issib ukoll ħtija fil-konfront tal-appellat fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti gew intavolati zewg appelli wiehed tal-Avukat Generali u l-iehor tal-appellant Carmel Sebastian Fenech. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tenunzja xi principji generali legali u in segwitu tibda' titratta l-appell tal-appelant u wara dak tal-Avukat Generali.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Illi l- aggravju principali tal -appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.[14]"; "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi[15]"; "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace[16]" ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit[17]"** u ohrajn.**)**

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper[18]**" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[19]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt[20]**", inghad illi:-

"*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom*

---

[14] Deciza nhar it-12 ta' Mejju, 1994

[15] Deciza nhar l-14 ta' Frar, 1989

[16] Deciza nhar il-31 ta' Mejju, 1991

[17] Deciza nhar il-31 ta' Mejju, 1991

[18] [1969] 1 QB 276

[19] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[20] Deciza nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

*setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti taghmilha cara daqs l-kristall li hija ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija. Dan hu proprju l-esercizzju li ser taghmel din il-Qorti.

**Fatti dwar il-kaz**

Il-kwerelanta **Joanne Rizzo** xehdet nhar is-16 ta' Dicembru, 2014 (fol. 15) u spjegat li kienet qed tahdem bhala *receptionist* mal-Inspire. Spjegat li tiftakar li nhar it-28 ta' Awwissu, 2011 marret taghmel rapport dwar l-imputat, illum appellant u rraportat li Father Charles kien inqeda bil-vulnerabilità taghha. Spjegat li kien iz-zmien meta kienet telqet ir-ragel u sahansitra anke ghamlet speci ta' '*overdose*'. Qalet li l-membri tal-familja m'ghandhiex biex tiftah qalbha maghhom u ghalhekk bhala ghajnuna kellha lil Father Charles u lil Sister Miriam Grech, soru Agostinajana. Qalet li fiz-zmien li ghamlet ir-rapport kienet imdejqa hafna, kienet tahdem fid-Dar tal-Providenza bhala '*Ability promoter'* u kienet fil-fatt qabdet kaxxa 'Syndol' ma flixkun Baileys bil-ghan li tikkommetti

suwicidju tant li spiccat l-outpatients tal-isptar fis-Psychiatric Unit. Hemmhekk ghamlet hafna telefonati fosthom lil Father Charles stess u bdiet tirrabja ghax giet ammessa hemmhekk. Spjegat pero' li Father Charles kien imur jarha.

Tghid li waqt li kienet hemm, Father Charles kien taha hamsin lira Maltin (LM 50) u tathom lin-nurses u qaltlihom l-istorja taghha u wara Dr. John Mifsid nehha l-permess ta' Father Charles biex jmur izurha u dan il-Father beda jibghat lil xi membri ohra tal-Kerygma biex imorru jzuruha fosthom lil Joan Prtelli, Elaine Micallef, Moira Sammut u Elena Sammut. Spjegat li dak iz-zmien Father Charles kien '*caring*' hafna u sahansitra tghid li kien anke kiteb lil Ministru Deguara li dak iz zmien kien il-Minsitru tas Sahha biex ighidlu li hija ma kellhiex problem psikjatici.

Tghid li Dr. Mifsud kien irrabja hafna tant li qallu biex ma jindahalx fil-psikjatrija. Tghid li ma kienitx ta' waheda u spiccat pazjenta '*in patient*' l-Isptar Monte Carmeli. Hemmhekk kient imdejqa wkoll ghaliex il-pazjenti kienu johdulha il-pozati u kienet ser tiggenen ta' veru. Qabdet il-lizar u riedet taghmel suwicidju waqt li kienet hemmhekk fil-ward numru sitta (6). Meta kienet qed tixhed kienet ghada l-Isptar Monte Carmeli pero' kienet tinsab f'sala *mixed* li ghaliha kien aktar difficli u cioe' fis-sala 10, peress li pprovat tikkommetti suwicidju waqt li kienet l- isptar. Mill-Isptar kienet tmur xoghol tlett darbiet fi-gimgha fid-dar tal- Providenza. Dan kollu kien madwar is-sena 2001.

Irrakontat kif fis-sena 2002 f' jum San Vanetinu kienet irceviet telefonata, fuq il- mobile taghha, waqt li kienet fuq tal-Linja fejn dak li kien cempel qallha '*happy feast*' u ma gharfitx min kien. Izda din il-persuna regghet cemplet u qaltilha '*mintix qed tgharafni, Father Charles*' u qaltlu '*Ara, thank you hsibt fija*'. Qalet almenu hemm xi hadd qed jahseb fiha u jhobbha. Imma mhux b'mod ta' imhabba, izda imhabba kif fehmitha hi ta' '*caring*' . Qalet li tefghet il-mobile u dahlet lura l-Isptar. Tghid li ghaddiet sena u wasal iz- zmien li kellha tohrog mill-Isptar u xtaqet taghmel '*house warming*' go darha fejn kienet toqghod mal-ex ragel taghha. Ghal din l-okkazjoni attendew shabha fosthom Father Charles. Tghid li Father Charles wasal tard u kien mar ma wahda li jisimha Christine. Tghid li ta rigal

konsitenti fi frame u bdew jieklu. F'hin minnhom staqsiha fejn kienet il-washroom u qallha li kellu bzonn ikellimha.

Hija akkompanjatu fil *washroom* u dan qalilha '*taf kemm batejt inti*' u qallha li '*Gesu' riedu ihobbha aktar ghaliex batiet hafna'*. Tghid li kienet ghadha hierga mill-Isptar u qabadha u ghamillha french kiss. Staqsietu x' ried ghaliex kienet ghadha kemm helset minn zewgha u qalilha li *una volta* jmutu l- genituri tieghu kien se johrog minn qassis u ikun taghha. Ma hallitux jghamel french kiss. Nizlu minn fuq il-bejt u fil-pront Father Charles qal lil certu Silvio biex iwaslu lura l-Kunvent. Fl-11.00pm ta' l-istess jum irceviet telefonata ghax hu dejjem kien icemplilha u tghid li hi ukoll kienet iccempel lilu. Dan qallha li kienet kisritu. Qallha li cio' nonostante kien ser jiehu hsiebha pero' qaltlu li french kiss kienet qawwija wisq, kieku 'hug' kienet taccettha. Tghid li Elaine kienet qed tisma l-konversazzjoni mit-telefon tal-kcina. Elaine staqsietha jekk kienx Father Charles li kien cempel u qaltilha li ma kienx izda meta Elaine qaltilha li kien hu ghax anke lilha kien ittanta tgerfxet.

Fil-25 ta' Marzu, 2001 kienet marret Ghawdex ma xi hbieb inkluz Father Charles. Pero' fl-istess nifs tghid li kien cemplilha u f'xi l-10.00p.m. wara li waslet lura Malta u talabha biex imorru il- Buskett. Qallha li kellu hafna dwejjaq u li l-patrijiet jghiru ghalih u li huh kien issepara minn ma martu u ma jafx x'kien ser jghamel. Qalha li zgur kien ser ikun taghha u qisha emmnithu u waqt li kienet mieghu fil-karozza taghha il- Buskett baxxileha rasha u talabha taghmillu '*blow job*'. Qalet li ddejqet ghaliex lanqas mar-ragel ma kienet ghamlet hekk.

Meta marret lura id-dar iddejqet u marret tkellem lil Dorothy Micallef u lil Elaine gewwa darhom Bugibba. Dak il-hin qaltilhom li kienet zbaljat ma patri u li issa kienet qed issir thobbu. Huma indunaw li kien Father Charles. Qalulha li mhux vera thobbu izda ghax m'ghandha lil hadd u thobb il '*caring*' tieghu. Taf li shabha marru il-Kurja u rraportaw l-incident u kienu baghtu ghaliha l-Kuria u xehdet il-falz. Qalet li kien cemplilha Father Charles u qallha biex ma tikxfux.

Tghid li wara dan l-incident Father Charles beda ihobbha aktar ghax ma kixfitux u li kien qed jiffissa fuqha. Tirrakonta kif nhar is-7 ta' Dicembru, 2009 kienet marret ghall-Velja flimkien mal-gharus taghha Stephen Fleri Soler u meta rat lil Father Charles regghet bdiet thoss l-emozjonijiet. Dan waqaf quddiemha u tghid li beda jiccassa u hi qaltlu '*proset tal-Velja u toqghodx tinkwieta lil Stephen mhu ser nghidlu xejn*' u wegibha '*il-paci mieghek*'.

Stqarret li pero' ma Stephen ma baghetx fir-relazzjoni ghaliex ma kienitx qed thossha sew u li ma sabitux '*caring*' bhal Father Charles. Anna Carter qaltilha biex toqghod attenta ghall-Father Charles ghaliex kellu relazzjoni ma certu Marianne Cuschieri. Hija fil-fatt cemplet lil din Marianne u kkonfrontatha u din qaltilha li kien wegaghha u talbitha biex takkompanjha ghand Dr. Ferriggi tar-Rabat fl-ispizerija tigehu. Din kienet mghaluqa u haditha id-dar tieghu tal-Virtú u qaltilha biex tirraportah lil Clyde Attard li kien jiehu hsieb Radju Marija. Cemplet li Father Charles u staqsietu x' kien gara u qallha b' referenza ghal Marianne li dik kienet mignuna u biex ma taghtix kasha. U regghu bdew bir-relazzjoni. Dan kien fil-madwar tas-sena 2010.

Tghid li kien jghidilha sabiex tmur fil-jum meta ikun qed iqaddes u meta kienet tmur ghat- tqarbin kien ighidilha '*Qalbi inhobbok*'. Qalet li gisimha kien jitla xewk xewk. Spjegat ukoll li kien icemplillha hafna u kienet thossha li qed tara xi film pornografiku. Kien ighidlha li irid jitla' u jinzel fuqha, isaqsiha x'kulur hu l-qalziet ta' taht, ha jdahlu u ha johorgu. Qalet li hi tad-demm u laham u wara li kienet tisma dawn l- affarijiet saret thobbu ukoll. Kienet tghidlu '*Imn'Alla gejt int f'hajti*'. Sabitu '*caring* ' hafna molto più qalet li ma kellhiex omm u missier li kienu '*caring*'.

Stqarret li hija kienet tiehu trattament mediku minghand psikjatara u kienet tiehu xi medicinali izda tghid ukoll li huwa kien ibati bid-depression kif ukoll biz-zokkor u kien jiehu l-pinnoli ukoll. Kienet tghidlu ' *kif inhu l-pressjoni Char… il-hin kollu nahseb fik u ninkwieta ghalik*.'

Mistoqsija fejn kienet tiltaqa' mieghu jekk mhux biss il-quddies, tghid li kien imur id-dar ghandha Sibt iva u Sibt le. Tghid li kienet ittih '*blow job*' u ricentment kien jitlobha

tqaxxarlu s-suf ta' daru u sidru u kien jiehu l- magna mieghu s'ghandha. Kienu jiltaqghu il-Buskett kif ukoll il-Kunvent. Qalet li din ir-relazzjoni damet ghaddejja sakemm qabdithu ma' Claire u kien cempel lil psikjatra taghha bir-rawha f'halqu. Dan kien fit-30 ta' Marzu, 2011. Qalet li qallilha Psikjatra li hija kient tigri warajh u ma ittihx *chance.*

Izda fl-1 ta' April, 2011 kien hemm *ward round* l- isptar u tghid li Father Charles kien jaf dwar dan u beda icemplilha u regghet hasbet li kien '*caring*' izzejjed u Dr. David Cassar kien qallha li kien ser ikollu jaqfilha l-isptar ghaliex kienet qed idejjaq lil Father Charles. Proprju dak il-hin cempel Father Charles u wriet il-messaggi li kien jibghatilha Father Charles lil Dr Cassar. Qallha biex tkellem lil Father Paul Gatt li kien il-Provincjal u dan qallha jekk rieditx taghmel hsara lil Father Charles u hi wegbitu li riedet twaqqaf l-abbuz ghax taf li kien hemm haddiehor u dan biex ma jbatix haddiehor u li ghalhekk kienet ser taghmel hekk.

Regghet spiccat Monte Carmeli. Tghid ukoll li kienet tmur tkellmu l-Kunvent u kienu jiltaqghu fil-kamra tad-duttrina. Mistoqsija x' kienu jghamlu tghid li kienu joqghodu jitkellmu fuq ix-xoghol u fuq kollox generali. Kien joqghod wara il bieb bil-wieqfa u kienet tinzel ghar-rkuptejja u tghamillu '*blow job*'. Kien ighidilha "*li jekk ma tghinux hu ma jghinix u hi kienet tiddepnedi fuqu fuq kollox*". Qalet li ma kienx ikun hemm affarijiet sesswali ohra. Pero' tghid li kien idahhal idejh fil-parti taghha pero' qatt ma gabilha *orgasm*. Tghid li ghalkemm ma kienitx temmnu xorta kien hemm speci ta' kalamita ghal mieghu u ma setghetx tnehhiha u ma tafx ghaliex'.

Qalet li ommha kienet alcoholic u fis-sena 2009 kienet giet abbuzata minn missierha wkoll.

Spjegat illi f'Awwissu, 2012 marret taghmel rapport il-Vice Squad u il-kaz taghha dam jizvolgi sena. Ftakret li kienet bagthet email lil Father Charles u qaltlu li kienet ser tahfirlu. Ippretendiet li jibghatilha email u jghidilha grazzi pero' din qatt ma waslet. Infurmaha li l-pulizija kienu tawh *hard time* billi qafluh f'cella, ma hadulux il-pilloli u kellu jmur il-Provincjal. Qallha li kienet tatu *hard time* u hi wegbitu li hu ukoll kien ta *hard time* meta

irraportha lil Psikjatra u dan kien ser jaqfilha l- isptar. Cio' nonnostante qallha biex tinsa dak li ghamlet u regghu komplew bir-relazzjoni ghal tmien xhur ohra u dan kien ghal habta tas-sena 2012.

F'dan il- perijodu tghid li kienet tmur ghalih hi ghaliex qalilha li kien hemm persuna bl-isem ta' Brian li kien qed jinduna bir-relazzjoni taghhom. Ghalhekk kienet titla' ghalih ir-Rabat daqxejn l-isfel mill-kunvent u kienet tiehdu d-dar taghha u bhas-soltu ittih '*blow job*', hu idahhlilha idejh fil-parti taghha u jilghab b'sidirha. Kien icemplilha il-hin kollu filghodu u filghaxija kwazi kuljum.

Terga' tinsist li apparti t-telefonati kien '*caring*' hafna u tghid li kienet iccempillu hafna u meta ikollha bzonn xi haga iccempillu malajr. Qalet li sahansitra anke Lourdes marret mieghu u maz-ziju taghha Leli.

Spjegat li l-appellant kien iweggaha billi jiehu gost b'wicc haddiehor u ghalhekk iktar kienet tiggennen fuqu. Qalet li marret Lourdes biex titlob il-Madonna ittiha l-grazzja li titlaq lill-appellant u twaqqaf ir-relazzjoni u minn dak iz zmien 'l hawn u cioe' minn Ottubru 2012 ma regghet kellmithu.

Qalet li l- Isqof Pawlu Cremona kien ukoll cemplilha biex tahfer lill-appellant u tghid li qalilha li l-appellant ma kienx ser jehel habs izda li kien ser jigi mibghut l-Isptar Monte Carmeli. Fil-fatt tghid li sahansitra anke offrilha il-flus biex toqghod kwieta. Ikkonfermat li kemm damet fir-relazzjoni mal-appellant baqghet taht kura.

Semmiet ukoll li tkellmet ma Father Mario Attard OFM u qallha sabiex ma tatix damdima lill-knisja u hi wegbitu li l-knisja imdamdma bizejjed. Tkellmet ukoll ma Father Charles Tabone fis-sena 2004 u dan qallha li kellha bzonn il-kura u kien baghtha ghand Jenny Zammit psikologa. Fil-fatt tghid li marret ghal kura u kienu hallsulha ta' dan is-servizz id-Dumnikani stess. Qalet imbaghad kienet tmur il-knisja tan-Nazzarenu u tipprova taghmel hbieb ma gruppi ghax hbieb ma kellhiex.

Qalet li kienet thossha '*bullied*' minn Father Charles tant li anke ghand l-Isqof marret biex tugzah.

Mistqosija jekk kienitx turi li Father Charles li ma tridx taghmel dawn l-affarijiet tghid li fil-bidu kienet turih izda wara kienet trid.

Il-kura hija bdietha meta ommha sparat lin-nannitha u kellha xi sbatax jew tmintax-il sena. L-ewwel darba li dahlet l- isptar Monte Carmeli kien meta telqet lir-ragel u pprovat taghmel suwicidju. Dahlet l-Isptar Monte Carmeli ukoll minhabba r-relazzjoni li kellha ma Father Charles u minhabba l-incident fejn kien involut missierha meta abbuza minnha. B'kollox dahlet l-isptar tlett darbiet.

Qalet li mis-sena 1990 'l hawn baqghet taht kura u kienet tinvita lil Dr. Cassar u kif ukoll lil Dr. Mifsud meta kien ikun '*on call*'. Mistoqsija x'tip ta kura kien jiehu l-appellant tghid li ma tafx qatt ma qallha. Pero' tghid li kien qallha li jiehu l-pilloli kontra z-zokkor, id-dijabete u d-depression.

**Joanne Rizzo** regghet xehdet nhar is-27 ta Frar, 2015 u kkonfermat li kienet marret il-Kurja sabiex tirtira l-oggetti materjali li kienet ghaddietilhom fosthom cards u messaggi li saru tramite sms's. Tghid li ghamlet hekk ghaliex kien talabha Father Charles u kien qallha biex tghid li kien Father Bonnici Cachia li kien qallha biex tghid dak li qalet. Tghid li peress li kienet thobb lil Father Charles hekk ghamlet. Kienet dehret quddiem ir-'*response team*' presedut mill-Imhallef Caruana Colombo u dan qallha li ma setghax itiha dak li talbet ghaleix fuqu kien hemm il-Kancillier Monsinjur Lawrence Gatt. Qaltlu li kienet ser tikkomunika hi mal-Mosnijur izda dan kien ma jiflahx u tkellmet ma Father Charles Cordina u allegatament dan qallha li kien ser johodhomla hdejn is-sorijiet tal-Agostinjani ghax jghamel il- quddies hemmhekk. Qalet li ltaqghet ma Father Cordina u dan ghaddiehla l-affarijiet lura. Hija cemplet li Father Charles u serhittlu mohhu li l-affarijiet kienu ghandha. Qalet li Father Charles kien baghtha ghand Father Charles Scicluna illum l-Arcisqof sabiex tghidlu li kien Father Bonnici Cachia li kien jghidliha sabiex tghid dak li qalet fil-konfront ta' Father Charles Fenech.

Ftakret ukoll f'incident partikolari meta kienu fil-kamra tas-sodda u qaltlu li kienet ser tikxfu u dan issussha mas-sodda u qallha '*ara jfettillek*'. Dak ghaliha kien vjolenza morali.

Il-Qorti tirrileva li mhiex ser tahti kaz l-affidavit taghha esebit fl-atti a fol 49 *et seq* markat bhala dok JM1 u dan in ommagg mal-principju li x-xhieda jridu jixhdu *viva voce* quddiem l-allura imputat u ghalhekk dan id- dokuent ser jigi skartat *in toto.*

Rat il-messaggi li kienu allegatament jigu mibghuta lilha li jinsabu elenkati fid-dokument JM 2 esebit fl-atti a fol. 56 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li kienu speci ta' '*love messages*' fejn kienet tircievi messaggi bil-kliem '*u know that I do mistkes but I never do anything 2 hurt u & lose u*' jew '*I do not know when will the time come & u start believing me. I really care & love u*', '*u r so important 2 me & u always help me. Please be by my side*' u '*u r d one & only 4 me*'.

Nhar it 3 ta' Settembru, 2015 (fol. 295) regghet xehdet u qalet li meta hija talbet lill-pulizja fis-sena 2012 biex twaqqa' l-kaz kienet qalet dan ukoll lil Father Charles Fenech u tghid li Father Charles Fenech kien qallha biex tghamillu pjacir u tibghat email u tghid li Father Edgar Bonnici Cachia kien igieghlha tivvinta fuqu u dan biex iwahhlu fih. Dan qed tghidu ghaliex Father Fenech ghandu fil-pusess tieghu email taghha fejn hija ghamlet propju hekk. Qalet ukoll li kienet staqsiet lil Father Charles ghaliex ma kienx qed jibghatilha emails u dan wegibha li kien mal-pulizija u nkella jindunaw. Kopja ta' din l-email li bagthet pero m'ghadx ghandha.

Nhar il-25 ta' Ottubru, 2016 il-kwerelanti regghet xehdet u kkonfermat li bejn is-snin 2010 u 2012 kienet tahdem l- Inspire bhala '*tutor*'. Qalet ukoll li kellha xi impieg iehor fil-passat kemm mad-Dar tal-Providenza, mar-Richmond Foundation kif ukoll mal-Agenzija Support. Qalet li kienet izzewget u gabet l-annullament u wara kellha ukoll xi relazjonijiet ohra. Tghid pero' li Father Charles Fenech dahal fl-istorja wara l-annullament taghha. Tghid li z-zwieg taghha dam tlett snin mis-sena 1997 sas-sena 2000. Qalet li kienet tahseb li Father Charles kien ihobbha izda tghid li kien hemm xi zmien meta bdiet tghid li dik ma kienitx imhabba vera. Qalet li harget ma Father Charles meta kienet tmur ghalih hi

bil-karozza (ghaliex hu ma jsuqx) jew johorgu bit-taxi jew ma xi hbieb. Tghid li fiz-zmien meta xehdet kienet ghada qed tahdem l-Inspire pero' peress li rawha tajba riedet tibdel il-generu tax-xoghol u ma tibqax *tutor* izda tmur sales ghaliex qalet li sabuha tajba f'dan ir-rigward.

**Elaine Micallef**, Psikoterapista xehdet nhar is-16 ta' Dicembru, 2014 u spejgat li tahdem fl-ufficcju tal-President. Spjegat li taf lill-kweralanti ghaliex kien introduciha maghha Father Charles Fenech, l-imputat, id-Direttur tal-Keygma. Kien qallha sabiex tghin lil Joanne Rizzo ghaliex kienet ghaddejja min zmien ikrah hafna. Tghid li kellha passat difficli hafna. Qalet li dan kien fis-sena 1994 u baqghet fi hbiberija maghha ghal diversi snin. Taf li zzewget u wara sena isseparat u wara taf li kienet rikoverata l-isptar Mount Carmel u kienet tmur tarha. Tghid li harget mill-isptar fis-sena 2001 u kienet ghamlet festin zghir id-dar biex tirringrazzja lil dawk kollha li kienu jissaportjawha f'dan iz-zmien difficli. Tghid li kienet tkun *stressed* hafna u kienu johduha *in turns* sabiex kuljum xi hadd imur jarha. Tghid li bhala Kerygma kienu joffrulha hafna support u Father Charles kien jghidilhom biex ituha dan is-sapport.

Kien hemm okkazzjoni li dejqitha hafna u tghid li dak in-nhar tal-festin Father Charles telaq hesrem minghajr ma qal '*bye*' lil hadd. Hija u habiba ohra taghha iddecidew li jorqdu ma Joanne dakinhar ghaliex kienet vulnerabbli. Ghal habta tal-11.00pm daqq it-telefon u hasbet hazin u dahlilha hsieb hazin minhabba eseprjenza kera li kellha hi fil-passat. Staqsietha min kien hemm u ma riditx tghidilha u ghalhekk qabdet it-telefon mill-kcina u semghet lehen Father Charles fuq it- telefon. X'hin qatghet marret fuq Joanne u qaltilha biex toqghod attentata ghaliex fil-passat kienet gia rat attegjament mhux propizju gej minn Father Charles. Dwar il-kontenut tat-telefonata ma taf xejn ghaliex malli semghet il-vuci tal-father poggiet it-telefon f'postu. Tghid pero' li qaltilha li kien jiehu hsiebha hafna.

Taf li ftit wara organizzaw weekend Ghawdex u cioe' bejniethom il-ftit hbieb li kienu mill-Kerygma u staqsewha biex tmur maghhom. Qalet li dak iz-zmien Joanne kellha

bzonn hafna attenzjoni. Waqt din iz-zjara tghid li Joanne bdiet tuza it-telefon aktar mis-soltu u bdiet titlaqghom biex iccempel. Kienet qed tibghat u tircievi hafna mesaggi. Ma ratx li kienet sew u staqsietha jekk kienx gara xi haga u qaltilha li bdiet relazzjoni ma persuna li ma setghetx tghidilha min kien. Hija inkwetat ghaliha mill-ewwel ghaliex kienet ghada hierga mill-isptar u kien ghadu kmieni biex tidhol f'relazzjoni. Qalet li staqsietha ma min kienet din ir- relazzjoni izda ma riedet tghidilha b'xejn. Qaltilha li kien ragel li kien qed iweghdha li kien ser ikun maghha u li kien imlielha hajjitha, li kien qed jghinha finanzjarjament u li kien qed itiha hafna support u li minhabba f'hekk ma kientix qed thossha aktar wahdeha. (jinghad pero' li Joanne fix-xhieda taghha tghid li l-appellant ma kienx jghaddilha flus)

Wara dan il-weekend taf li darba minnhom Joanne kienet id-dar taghha u ratha li ma kienitx sew aktar mis-soltu, kienet *edgy* hafna u anzjuza u poggiet hdejha mal-mama taghha u staqsietha x'kien ghaddej. Bdiet tghidlhom li ghamlet xi haga hazina u wara ftit qaltilhom li din il-persuna li kellha relazzjoni maghha, kienet Father Charles Fenech u fil-pront harget ritratt tieghu mill-kartiera taghha b'xi kliem fuq wara li ma tiftakrax x'kienu.

Qaltilha li kien qed ikollha kuntatt sesswali mieghu u li kienet relazzjon *one sided.* Kienet ittih '*blow job*' u dak il-hin qaltilha l-esperjenza taghha ma Father Fenech. Qaltilha li kienet marret il -Kerygma meta kellha sbatax-il sena u Father Fenech kien l-ispiritual Director taghha u kien joffrilha hafna support ghax hi ukoll kienet ghaddejja minn mumenti difficli f'hajjitha. Kien zmien meta kien telaqha il-boyfriend. Father Charles kien icemplillha kuljum itiha noti u support. Pero' imbagahd l-atteggjament inbidel u beda ighidilha li kien ihobbha hafna kien imisilha idejha, gieli bisha u imbagahd marret taghmel volontarjat Solarino u kien mar jghamel zjara hemmhekk u qallha biex filghaxija tmur tarah fil-kamra u hemmhekk graw l-affarijiet u missilha sidirha. Spjegat li hija kellha l-familja fuq min iddur pero' Joane ma kellha l-hadd.

Tghid li imbagahd marru ikellmu xi patrijet Dumnikani u wara irceviet ittra minghand l-avukat ta' Father Fenech fejn giet mitluba sabiex tieqaf milli tghamel dawn il-malafami

Taf li xi sena wara kieu baghtu ghaliha ir -*response team* tal-Kurja u qaltilhom dak li kienet taf. Tghid li l-kuntatt ma' Joanne waqaf kemm maghha kif ukoll ma ommha u meta ipprovat taghmel kuntatt maghha ma rieditx tkellimhom aktar. Fis-sena 2004 giet mitluba taghmel konfront ma' father Charles Fenech fil-Kurja u kkonfrontatu b'dak li kienet spejgat. Mistoqsija jekk regax kellha kuntatt ma Joanne mis-sena 2004 sa dakinhar li xehdet qalet li kellha meta giet ikkuntattjata biex tixhed f'dawn il-proceduri.

**Marianne Cuschieri** xehdet nhar is-16 ta' Dicembru, 2014 u spjegat li darba minnhom kienet id-dar ma t-tifla z-zghira u cemplet il-qanpiena u meta fethet sabet lil Joanne Rizzo u talbitha tkellimha fil-karozza. Hija dahlet fil-karozza taghha u Joanne introduciet ruhha u dak il-hin hadet qisu ta' *shock* ghaliex kienet gia semghet b'isimha. Qaltilha li kienet baghtitha certu Anne Carter u qaltilha li l-Father Charles u dan b'referenza ghall-imptuat kien taghha. Mistoqsija jekk tafx lill-imputat tghid li tafu ghaliex kienet ghamlet xoghol volontarju ir -Radju Marija u l-imputat kien id- Direttur ta' dan ir -radio station.

Spjegat kemm kienet ilha ghadejja f'relazzjoni mieghu u li ma setax ikun li maghha ikollu mara ohra hliefha. Qalet li hija ma tatix kaz ghaliex mohhha biss fil-programm li taghmel u li kienet gia garrbitu ghaliex kellhom ukoll relazzjoni intima.

Qalet li kient iltaqghet ma Father Charles Lourdes u dan kien heggiha biex tghamel il-programm fuq l-istazzjon Radju Marija. Qalet li ma kienitx taf titkellem fuq il-kelma ta' Gesu' ghal sieghat u ghalhekk kien jixtrilha l-kotba u CDs u kien jehodhomla d-dar biex tipprepara l-programm. Qalet li imbaghad kelha xi problem mat-tifla ta' hmistax-il sena ghaliex ma riditx tkompli tistudja u ghahekk kien jiehu hsieb it-tifla ukoll izda f'sens tajjeb.

Bdiet tahdem Radju Marija u kien ikollhom xi laqghat u kellha titkellem mieghu u l-affarijiet bdew jiehdu ftit kunfidenza. Kien itiha it-tunika biex tahsilielu u tixtrilu l-affarijiet li kellu bzonn u saru *close* hafna. Damet snin shah tara l-arlogg u ma tarax il hin hlief li kienu is-7.00a.m u dan ifisser li l-Father qam, imbaghad tara is-7.30 u tghid il-father mar iqaddes. Tara it-8.00a.m. u tghid li l-father mar jiehu breakfast m' ommu u d-

9.00 il Father gej ghal programm. Tara id-9.30 u dan kien ifisser li l Father hiereg, tara il-11.00am u tghid li l -Father rega’ dahal. Tara 12.00 u tghid il-father qed jiekol u tkompli hekk sal-11.00p.m. Hajjitha kienet litteralment imdawwra kollha bl-affarijiet li jaghmel il Father.

Qalet li meta saru *close* hekk il-Father beda jitlobha affarijiet sesswali. Kien iridha taghmel mieghu kif taghmel ma zewgha pero’ ma ridietx u ma cedietx. Qalet li imbaghad kienet uriet il-messaggi li kien jibghatilha lil xi membru tal-Bord u beda l-inkwiet ta’ bejniethom u wehlet li kienet qed tati *mala fama* lil Father ghaliex hu nnega li kien jibghatilha messaggi.

Hija akkompanjat lil Joanne Rizzo tal-Virtu, ghand Clyde Attard li kien il- President ta’ Radju Marija ghaliex hasset li ma kienitx qed tigi emnuta. Akkompanjatha ghand Dr. Ferriggi ukoll izda ma ridx johrog ikellem lil Joanne Rizzo fil-karozza u qalilha biex tiehu kalmanta u tirrilassa ghaliex raha ecitata hafna. Tghid li apparti l-vjolenza morali kienet vittma wkoll ta’ vjolenza fizika f’okkazjoni wahda meta kien gibdilha xaghra u refa idejh fuqha.

Illi nhar il-25 ta’ Marzu, 2015 ix-xhud giet riprodotta u qalet li bejnha u bejn Joanne Rizzo ma kien hemm l-ebda relazzjoni. Mistqosija kif kien igib ruhu maghha Father Charles tghid li ghall-ewwel tajjeb hafna kien l-anglu kustodju taghha izda wara beda jrid affarijiet ohra u minn anglu sar dimonju. B’dan riedet tfisser li ried affarijiet sesswali izda bejneithom affarijiet sesswali qatt ma kien hemm. Qal li ghall-ewwel kien jghaddilha informazzjoni fuq Alla biex tipprepara il-programmi fuq ir-radju izda imbghad beda diehel bil-mod il-mod u wara bdiet tisma’ affarijiet fuq father Charles u bdiet tara’ certu affarijiet u nnotat x’kien ifisser Father Charles. Tghid li kien qallha li jekk tiftah qalba idawwar kollox kontra taghha u ghalhekk kienet uriet xi messaggi lil Clyde Attard li kien imexxi r-Radju ghaliex ma hasbitx li kien sew li jkompli fuq ir-radju izda Clyde ha is-side tal-Father u giet kunsidrata li kienet qed taghmel malafama fuq il-Father u ghamlulha minn kollox biex titlaq mir Radju.

Qalet li bejneithom kliem biss kien hemm salv ghall-okkazjoni wahda meta refa' idejh fuqha. Qalet li kienet ghaddejja mill-kuridur u kien gej faccata taghha u kien ghadu kif kien ma persuna femminili u qaltlu '*tinsix x'piz ghandek fuq spaltek'* u dan il-hin qabdilha xaghra hezzizha u ta' bil-ponn.

Mistoqija kif kienet tikkomunika mal-Father tghid li kemm bil-kliem kif ukoll bil-mobile izda lejn l-ahhar sentejn ma kellhiex aktar kuntatt.

Ikkonfermat li lil Clyde marret tkemllu peress li kellu awtorita' fir-radju u dehrilha li kellha turih il -messaggi li kienu intimi li kien jibghatilha Father Charles. Tghid li kellhom laqa' u kien prezenti wkoll Father Charles u dan innega kollox u allura Clyde dar fuqha u qallha li kienet qed timmalafama lil Father. Imbghad Father Charles u Clyde iddecidew li jnaqqsulha l-programmi li kellha u dan sabiex fl-ahhar tispicca mir-radju. Izda ma kienx il-father li qallha '*itlaq*' jew '*mur*'. Telqet hi minn rajha minhabba dak kollu li kienet ghaddejja minnu.

**Dr Joseph Ferriggi** xehed nhar is-16 ta' Dicembru, 2014 u spjega li darba minnhom kien qieghed il-klinika tigehu izda ma jiftakarx kemm kien ilu u kien cempillu Fr. Edgar Bonnici Cachia u qallu li Father Charles Fenech kien ghandha (b'referenza ghal Joanne Rizzo) snin ilu u qallha '*int lil dan iz-zibel qed tisma'*.'u qallu li kien jiddispcjacih b'dak li sema u xtaq jismaghha minghandha u talbu jghid lil Joanne icempillu. Joanne kienet cemplitlu u kkonfermat dak li kien qallu Father Bonnici Cachia. Qal li minn hemm 'l quddiem qata' kull relazzjoni li kellu ma Father Charles .

Jiftakar ukoll li darba minnhom kien jum il-Hadd kienet marret thabbatlu l-bieb certu Marianne Cuschieri u qaltlu li kien hemm Joanne Rizzo fil-karozza u riedet tkellmu u talbitu biex johrog ikellimha izda rrifjuta li ighamel dan u qallha li ma kienx ser jghamel hekk jekk mhux fil-presenza tal-pulizija.

**Dr Joseph Ferriggi** rega xehed nhar is-27 ta Frar, 2015 u kkonferma li lil Marianne Cuschieri kien jafha fuq zewg livelli. Livell professjonali ghax hija pazjenta tieghu u fuq

livell iehor peress li kien jahdem ir-Radju Marija ghall-perijodu ta' tmintax-il sena. Qal li pero' ma kienx baqa' jaghmel xoghol ghar-Radju Marija ghaliex kellu incident kif rapportat fl-okkorenza esebita fl-atti a fol. 98 li m' ghandux x'jaqsam mal-kaz odjern. Ikkonferma li r-rizenja tieghu kienet giet accettata mill-Imhallef J.R. Micallef li dak iz-zmien kien il-Presdient tar-Radju Marija.

Nhar it-3 ta' Settembru, 2015 ix-xhud rega' xehed u jghid li kien gie ezentat mis-sigriet profesjonali tieghu minghand Marianne Cuschieri. Qal li kien ilhu jafha ghal madwar tletin (30) sena sia fuq bazi socjali kif ukoll fuq bazi professjonali u anke bhala *part-timer* fuq Radju Marija fil-volontarjat taghha. Jghid li huwa dejjem jafha bhala mara ta' kondotta tajba u anke meta kellu inkontri maghha professjonalment. Stqarr li darba minnhom kien qieghed Lourdes u kien tkellem ma Joanne Rizzo fil-kumpanija ta' martu u staqsiha x'kien gara ghaliex ra li ma kienitx f'sikkitha u din qaltlu li kienet qed tarha lil Father Charles u jiftakar li kien hemm xi nisa ohra jibghatu messaggi lil xulxin b'ghajnhom. Darb 'ohra jiftakar li Father Charle Fenech kien cempel id- dar tieghu u talbu biex imur jara lil Marianne Cuschieri. Jghid li kien cempillu mid-dar ta' Cuschieri izda meta mar hemm ma sabux hemm pero' sab lil Cuschieri fi stat ta' paniku u ta xi medicinali biex jikkalmha. Qal li dakinhar qaltlu li wara li Father Charles kien qaddes ghandha talabha tmur mieghu fil-kamra tas-sodda. Darb' ohra jghid li kien id-dar jum il-Hadd ghall-habta tas-2.30p.m. jara it- televizjoni u sema xi hadd ihabbat il-bieb u meta fetah sab lil Maryanne Cushcieri li ghal darb ohra kienet fi stat ta' paniku u ta' xokk u talbitu johrog barra ikellem lil Joanne Rizzo fil-karozza pero' huwa ma marx. Qallha biex tmur ghand il-pulizja ghaliex ma ridx jidhol fiha. Qaltlu li reidet tghidlu fuq ir-relazzjoni taghha ma Father Charles pero' ma hassx li kellu jidhol fiha etikament. Jghid li f'okkazjoni ohra meta kien ir-Radju Marija kien hemm Marianne Cushcieri u qaltlu li Father Charles kien qed jibghatilha sms's li ma kienux xierqa u daret kontrih ghaliex kienet thoss li kien ir-*role model* taghha u wara rribellat u bdiet anke tgharju meta tarah u tghidlu mahmug u darba minnhom sar vjolenti u ta xi daqqiet fuq sidirha u gibdilha xaghra. Dawn l- incidenti ighid li saru kollha qabel is-sena 2012.

Ikkonferma li lill-imputat fuq dawn l-affarijiet qatt ma kelmu. Huwa esebixxa tlett dokumenti li gew markati bhala dok JF ( fol. 269) affidavit tieghu mahluf quddiem in-Nutar Dr. Philip Ellul, messaggi li gew skambjati telefonikament markati bhala dok A (fol. 275), affidavit ta' Joanne Rizzo mmarkat bhal dok B (fol. 281) mahluf quddiem in-Nutar Marilena Cristina, statement ta' Edgar Bonnici Cachia markat bhala dok C (fol. 288) mahluf quddiem in-Nutar Sam Abela. Ghal darb' ohra din il-Qorti tiddikjara li sejra tiskarta l-kontenut ta' dawn l-affidavits u statements stante li m'humiex provi ammissibbli fil-ligi penali u dan in omagg mal-principju li x-xhieda ghandhom jixhdu *viva voce* l-Qorti quddiem l-akkzuat skond l-**artikolu 646(1) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Father Edgar Bonnici Cachia** xehed nhar is-27 ta' Frar, 2015 , u qal li t-teknika tieghu u cioe Dorothy Attad kienet qatlu biex jiltaqa' ma Joanne Rizzo wara li spjegatlu minn xhiex kienet ghaddejja. Huwa iltaqa' maghha fuq il-Fosos u ghamel tlett sieghat maghha u din ikkonfermatlu dak li kien ghaddej.

Qal li dan kollu sehh xi sebgha snin qabel ma xehed. Qal li wara ma tkellem maghha dak in-nhar, mar ikellem lill-Arisqof Father Paul Cremona u dan qallu biex ma jitkellimx u ihallijielu. Ghalhekk mar ikellem lil Provincjal li dak iz-zmein kien Father Pawlu Gatt u kien tkellem ukoll mal-Isqof Charles Scicluna u dan talbu ighamel *statement* biex jara x'seta jghamel fuq il-kwistjoni. Huwa hass li ma kien sar xejn u ghalhekk ghamel statement u ha noti tieghu u ghaddih lil Monsinjur Scicluna pero' baghat kopja tieghu anke lil Vatikan. Qal li wara li ghamel l-istatement tieghu a bazi ta' dak li qaltlu Joanne anke hu gie malafamat. Qal li Father Charles Feneh kien talab lil Joanne sabiex tmur il Kurja u tghid li huwa kien qallha biex tigdeb. Kien qallha wkoll biex tmur ghand il-Provincjal u ghand l-Isqof Scicluna u tghidilhom li gidbet.

Huwa kien ipprezenta kwerla ghand il-Pulizija u sar jaf ukoll li kien Father Charles Cordina li kien kitbilha l-ittra li kellha tipprezenta l-Kurja ghand il-Monsinjur Lawrence Gatt li kien il-Kancillier.

Ikkonferma wkoll li kien mar ikellem lil Father Charles Fenech u dan kien irringrazzjah

minkejja li kien jaf li wara daru kien qed jghid bih. Jghid li Father Fenech qallu li jithassar in-nies u dan wiegbu li ghax jithassarhom ifisser li ghandu jabbuza minnhom?

Ghal darb' ohra din il-Qorti tiddikjara li m'hix ser taghti kaz l- affaidavit ta' Joanne Rizzo esebit fl-atti mix-xhud Father Edgar Bonnici Cachia markat bhala dok EBC 1 a fol. 121 izda ser tistrieh fuq ix-xhieda moghtija minnha viva voce il-Qorti. Lanqas m'hi ser taghti kaz l-istatement maghmul minn Father Bonnici Cachia esebit fl-atti a fol 128 markat bhala dok EBC 2 u sejra tistrieh biss fuq ix-xhieda moghtija minnu viva voce. Jinghad li fl-ebda hin kemm Joanne Rizzo kif ukoll Father Bonnici Cachia ma kkonfemraw il-kontenut ta' dawn l-affidavits u ghalhekk jibqghu biss xhieda dokumentarja li m'hix accettabli fil-process kriminali. Jinghad ukoll li l-istatment rilaxxjata minn Joanne Rizzo lill-pulizija fl-1 ta' April, 2013 markat bhala dok JG ser jigi skartat in toto u dan ghaliex huwa statement tal-kwerelanti u ghandu jigi prezentat fl-atti biss una volta tali xhud jigi dikajrat bhala xhud ostili, li mhux il-kaz.

Ix-xhud rega' xehed nhar it-3 ta' Settembru, 2015 (fol. 291) jghid li fl-1 ta' April 2014 fl-10.01p.m. kien ircieva telefonata minghand Father Mark Montebello fejn kien gie offrut is-somma ta' mitt elf biex jirtira dan il-kaz. Huwa wiegbu li ma kienx ghall-biegh. Fil-fatt jghid li Father Mark Montebello ma cahadx li saret din id-diskussjoni tant li esebixxa kopja tal-aritkolu li deher fit- Times fid-9 ta' Novembru, 2014 fejn l-istess father Montebello jghamel referenza ghal din id-diskursata (fol. 294) u esebixxa wkoll l-istatement tieghu li hu markat bhala dok EBC rilaxxjat lill-Pulizija nhar il-11 ta' Novembru, 2014 (fol. 293), liema statement mhux ser jigi kunsidrat minn din il-Qorti u qed jigi skartat *in toto* ghaliex ma jikkostitwixix prova ammissibbli fil-proceduri penali.

**Father Paul Gatt** xehed nhar is-27 ta' Frar, 2015 u kkonferma li kellu kuntatt kemm ma Dr. Ferriggi kif ukoll ma Dr. Cassar izda jghid li ma tantx kien jafhom. Spjega lil jaf li Dr. Ferriggi ghaliex ghamel zmien jiffrekwenta l-Kunvent tieghu u lil Dr. Cassar jafu bhala professjonist u missieru kien servihom fil-kunvent. Qal li huwa kien il-Provincjal tad-Dumnikani ta' Malta kollha u l-imputat qua appellant hu Dumnikan u kien jaqa' taht il-

gurisdizzjoni tieghu. Ikkonfmera li Father Bonnici Cachia kien tah kopja tal-messaggi li allegatmaent kien baghat Father Charles Fenech u kien qallu li kien iddepozithom ghand ir-response team. Kien minn hemm li sar jaf b'dan l-allegat abbuz li sar fil-konfront tas-sinjura Rizzo. Jghid li kellu wkoll kuntatt ma Dr. Cassar dwar dan u jiftakar li aktar tard kienet cemplitlhu s-sinjura Rizzo u talbet li tkellmu u kien ta appuntament ghal dak in-nhar stess. Dan kien xi sena wara li kien kellmu Dr. Cassar.

Din qaltlu li kienet xehdet quddiem il-pulizija ghaliex kienet giet imbuttata biex tghid dak li qalet u ghalhekk kienet irtirat kollox. Jghid pero' li wara certu zmien regghet cemplitlu u qaltlu li kienet regghet bdiet il-proceduri fil-konfront ta' Father Charels Fenech peress li kien rega' kien hemm kuntatt ma' Father Fenech meta marret mieghu Lourdes.

Ikkonferma li kien mar ikellem lil Dr. Cassar l-isptar Mount Carmel u kien urih xi sms's li kien allegatament baghat Father Fenech lis-sinjura Rizzo. Hemmhekk kien hemm ukoll Joanne Rizzo. Qal li dak in-nhar Dr. Cassar urih il perplessitá tieghu minhabba inkontri li kien hemm bejn Father Fenech u s-sinjura Rizzo. Qal imbaghad li kien sejjah lil Father Fenech u wissih bil-gravita' ta' dan ir-rapport pero' Father Charles kien cahad kull allegazzjoni u qatt ma ammetta mieghu l-akkuzi li kienu saru fil-konfront tieghu. Qallu li kien hemm speci ta' komplott ghaddej minn wara daru fil-konfront tieghu. Qal li kien qallu li jekk kien hemm il-kuntatt dan kellu jieqaf ghal kollox. Imbaghad ma kien sema' xejn aktar u ghalhekk fehem li l-affarijiet kienu waqfu u gew ghan-normal. Salv ghal xi sena wara meta s-sinjura Rizzo regghet ghamlet kuntatt mieghu u qaltlu li kienet qed tirtira r-rapport taghha mal-pulizija u ghalhekk fehem li l-kwistjoni waqfet hemm. Mistoqsi jekk kienx hemm rapporti ohra fil-konfront ta' Father Charles ma' nisa ohra jghid li rapporti le, pero' kummenti kienu jsiru u ma setax jiehu passi fuqhom.

Ikkonferma li fil-kunvent fejn ghandhom il-quarters taghhom nies ta' sess femminili ma jidhlux salv ghal xi eccezzjoni u cioe' ghal xi nurse jew min inaddaf. Pero' jghid li hemm partijiet fil-Kunvent li huma accessibli ghall-pubbliku.

Qal li kmamar ghad-duttrina hemm pero' hu qatt ma dahal fihom ghax il-kunvent huwa speci ta' kastell enormi. Mistqosi jekk qattx ra lil Joanne Rizzo hemmhekk ighid li ma jiftkarx salv ghal meta ghamlet apputnament biex tkellmu pero m'ghandux idea li qatt iltaqa' maghha hemm fi drabi ohra.

Ikkonferma li l-imputat pero' kien ighix hemm u jaqa' tahtu. Huwa pero' m' ghandux x'jaqsam ma Radju Marija, dik hija entitá indipendenti minkejja li jixxandar mill-kunvent taghhom.

**Patri Frans Micallef ,** Provncjal tad-Dumnikani r-Rabat, xehed nhar is-27 ta' Frar ,2015 (fol. 145) u kkonferma li jghix ma l-imputat fil-kunvent. Stqarr illi huwa ilu jghix hemm ghal madwar hamsin (50) sena. Ikkonferma li meta hareg dan il-kaz fil-konfront ta' l-imputat huwa ghan-nom tad-Dukmnikani kien hareg stqarrija ghall-Istampa fejn informaha li kien qed jissospendi lil Father Charles milli jamministra s-sagramenti fil-pubbliku izda mhux sospensjoni *a divinis*. U dan ifisser li jista' jqaddes u jghamel kollox fil-privat u fil-fatt jghamel hekk regolarment. Jghid li nehhih minn Kap tal- Kerygma u talbu jirtira minn Radju Marija pero' dan ma jiddependix minnu izda mid-Direttur tar-radio. Jghid li ghamel hekk ghall-gid tieghu stess biex jipproteguh mill-pubbliku. Cahad li qal li kienu gia ammonew lill-imputat izda jghid li kienu talbuh biex izomm pass lura kemm idum ghaddej il-kaz odjern qudiem ir-*response team* tal-Kurja. Qal li meta hadu din id-decizjoni, il-Father ma kienx involut izda gie komunikat bid-decizjoni taghhom. Mistoqsi jekk kellux xi rapporti ohra fil-konfront ta' Father Charles ighid li ma kellux.

Mistoqsi jekk il-kunvent hux pubbliku ighid li fuq, ma jista' jitla hadd ghaliex xi ghaxar snin qabel kienu ghamlu l-gradi. Pero' qal li isfel huwa accessibli ghall-pubbliku u l-kmamar tad-duttina jinsabu isfel.

Illi nhar id-29 ta April, 2015 rega' xehed riprodott u muri l-istarrija esebita fl-atti a fol. 217 markata bhala dok FM jikkonfemra l-kontenut taghha bhala l-istarrija li harget fil-media f'isem id-Dumnikani u is-suggett kien Father Charles Fenech.

**Maggur 24 Josephine Gauci** xehdet nhar is-27 ta' Frar, 2015 u kkonfermat li Joanne Rizzo kienet ghamlet statement fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija nhar it-2 ta' Frar 2012 li qalet li kienet giet abbuzta minn Father Fenech izda imbaghad fl-1 ta April 2013 ghall-habta tas-2.30am irtirat il-kwerela taghha ghax regghet bdiet bir-relazzjoni mieghu u kienet hafritlu u ghalhekk bejn Frar u Ottubru 2012 kienu flimkien. Qalet li Rizzo kienet irraportat li kull nhar ta' Sibt kien imur ghandha u tghamillu '*blow job*' kif ukoll gieli qaxxritlu is-suf ta' daru u ta' sidru u ttih jiekol. Spjegat li dan il-Father kien ighidilha li meta jmutu l- genituri tieghu kien lest li johrog minn patri u jmur jghix maghha. Spjegat ukol li l-Isqof Cremona u Father Mario Attard kienu jghidulha biex tahfirlu u dan ghaliex jekk tali relazzjoni tohrog fil-pubbliku il-knisja taqla' damdima. Qalet li kienu marru Loudes flimkien u meta nizlu minn hdejn il-Madonna marret fil-kamra tieghu u riedha taghmel sess orali mieghu u accettat. Dak il-hin qaltlu li mhux dnub peres li kienu ghadhom kemm nizlu minn hdejn il-Madonna u wegibha li 'jekk tghinu huwa jghinha'. Qalilha ukoll li Gesú riedu ihobbha ghaliex batiet hafna .

Qalet ukoll li qaltilha li kien jabbuza minnha il-kunvent fejn sahansitra f'kamra fil-kunvenut kienet tghamillu sess orali u wara irealizzat li kien qed jabbuza minnha psikolgikament ghaliex hija ma kellha lil hadd u kienet issib refugju fih.

Nhar il-25 ta' Marzu, 2015, ix-xhud regghet xehdet in kontro esami u kkjarifikat ix-xhieda taghha precedenti fis-sens li meta kienu isiru il-'*blow jobs*' dawn kienu isiru fil-kamra tad-duttrina fil-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat. U gieli fil-karozza. Kien jghidlha biex issuq izda dan tafu ghax qaltilha Joanne Rizzo.

**WPS 246 Diane Vella** xehdet fl-istess jum u kkonfemrat li kienet prezenti meta Father Charles irrilaxxja stqarrija nhar id-9 ta' Novembru 2011. Qalet li l-Ispetur kienet tatu s-solita twissija u tghid ukoll li kien inghata d-dritt li jikkonsuta ma' avukat. Hija tghid li kienu qraw l-istqarija lill-imputat qabel ma dan ikkonfermaha. Hija esebiet din l-istqarrija li giet markata bhala dok DV a fol. 167 tal-atti.

**Joan Rita Zammit, Psikologista** xehdet nhar il-25 ta' Maru, 2015. Qalet li Joanne Rizzo

kienet marret ghandha bhala klijenta fis-sena 2004 peress li qabel din Rizzo kienet ghaddiet minn hafna affarijiet fosthom iz-zwieg taghha tfarrak u xi affarjiet li ghaddiet minnhom meta kienet tifla. Qalet li imbaghad kienet fethet qalbha ma Father Charles Tabone u dan ghaddiha lilha. Qaltilha dwar is-sitwazzjonijiet koroh li ghaddiet minnhom fosthom li rat lil ommha u n-nanna jiggieldu anke bl-uzu ta' armi tant li spiccat il-Qorti izda imbaghad kien hemm xi mahfra. Semmiet li kienet trabbiet fid-dar tas-sorijiet u li kellha ziju li kien jiehu hsiebha. Kien hemm xi episodju li ipprovat taghmel suwicidju pero' d-dettalji insiethom.

Tghid li kien ghalhekk li spiccat ghand Father Charles Fenech qabel ma tkellmet maghha ghaliex talbet l-ghajnuna tieghu. Semmiet episodju li retrospettivament hasset li kienu abbusivi. Qalet li Joanne hasset li Father Charles abbuza mill-vulnerabilta' taghha ghaliex offrilha support li kien uman izda imbaghad mexa lejn direzzjoni li kienet mhux proprja, li kienu fizici u ntimi u talabha biex tmissu. Ikkonfermat li s-sessjonijeit li kellha maghha li kienu ghaxra gew imhallsa mill-Ordni tad-Dumnikani. Qalet li dan kollu sehh bejn is-sena 2001 u 2004 meta kienet ghada ma tafhiex. Hija pprovat tghinha tinadirizza is-*self esteem* taghha, il-vulnerabilita' taghha u l-mental health taghha. Fil-fatt kienet tahdem *hand in hand* ma Dr. Cassar. Tghid li fil-fatt kienet tikkonsulta mieghu hafna.

Mistoqsija jekk tkellmitx mal-imputat tghid li le qatt, ghax dak ma kienx l-irwol taghha. Qalet li lil Joanne kienet tarha ta spiss u regolarment mit-2004 sas-sena 2015. Tghid li llum taf li Joanne ghanda self-esteem baxx hafna u l-hajja taghha tatha hafna affarijiet li minflokk ma iffurmawha f'persuna assertiva iffiurmawha bhala persuna '*submissive*' , '*in neeed of care*' ma kellha '*no mothering whatsoever*'. Ommha kienet abbadunatha minhabba il-business li kellha u minhabba il-problema tax-xorb li kellha u hallietha f'idejn is-sorijiet f'idejn il-*carers* u hallietha ghall-ghonq it-triq. Jigifieri Joanne ghandha vojt kbir u ghalhekk kull min jikkumplimentaha kien jimlilha dan l-vojt li kellha. Ikkonfermat li Joanne dejjem tfittex li timla dan il-vojt li ghandha. Ghalhekk fil-fehma taghha hija vulnerabbli u malajr tista' tirkibha kemm finanzjarament kif ukoll socjalment u din grat b'mod ripetut.

Mistoqsija jekk Joanne kellhiex kuntatt ma l-imputat mis-sena 2004 'l hawn tghid li sa fejn taf hi kellha. Tghid ukoll li kienet waqfet is-sessjonijiet tat-terapija. Izda meta regghet ratha qaltilha li kien episodju ta' attenat ta' suwicidju u li regghet dahlet l- Isptar Monte Carmeli u beda ic-ciklu tal-abbandun li kellha min naha ta' Father Charles Fenech u reghet irrakontat li kien qed ikollhom kuntatt u kien hemm hafna weghdi ta' imhabba, li johrog mill-Kastita u li johrog mill-Ordni izda trid tmut ommu. Ghaliex fin-nuqqas kien joqtol l-ommu bl-imrar talli ikun halla l-vokazzjoni u fittex ohra . Tghid li Joanne ikolla mumenti kwazi psikotici ta' bzonn. Mhux bzonn intimu izda li jkollha xi hadd li jhobbha. Qalet li Joanne ma kienitx tiehu zbalji fir-rakkonti taghha, ghandha memorja tajba hafna. Qalet li Father Charles kien iwieghda u jitlobha il-mahfra b'hafna turija li forsi ghal-Joanne hija genwinitá u forsi ghal nies bhala fejn il-psychosis taghha hija soda aktar tinduna li dawn huma atti abbusivi jew '*capitalizing from the situation.*'

Spjegat li Joanne taqa' f'dik il kategorija ta' nies fejn minhabba l-ugiegh li kellha batiet hafna u ghalhekk hija 'accurate ' hafna fir-rakkonti taghha. Tghid li Joanne iggib ruha bhal dawk in-nies adulti li jkunu abbuzati fisikament u huma vulnerabbli fejn sahansitra anke ghandhom mental health issues. Tghid li fil-hajja professjonali taghha kien hemm persuna ohra li rrakontat li ghaddiet mill-istess stejjer bhal dawk ta' Joanne ma l-istess Father Charles Fenech. Pero' din ta' l ahhar u cioe Elaine Micallef, ma kellhiex mental health issues u kienet inqas vulnerabbli u ghalhekk irnexxilha tahrab minn din is-sitwazzjoni.

Tghid li apparti dan kellha habiba ohra izda li ma kellhiex problemi mentali u meta kellha tmintax-il sena Father Charles kien ipprova jghamel approaches lejha izda baghtitu jixxejjer. Din ghamlet sentejn tghin izda imbaghad telqet ukoll.

Qalet li Joanne kienet tirrikorri lejha ghal pariri u biex tiehu hsiebha. Kien tmur ghat-terapija. Izda tghid li meta tkun thossha sew ma kienitx tmur ghandha.

**Dr David Cassar,** psikjatra, xehed nhar id-29 ta' April 2015 wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali tieghu minghand il-klijenta tieghu Joanne Rizzo. Jghid lil Joanne Rizzo sar

jafha meta kelha 21 sena u dan bhala pazjenta tieghu imbaghad regghet saret klijenta tieghu meta kellha 31 sena u ghadha pazjenta tieghu sal jum meta xehed. Qal li Joanne kienet ilha tbati minn kundizzjonita ta' ansjeta u dipressjoni ghal snin twal hafna. Spjega li minn mindu kienet zghira Joanne esperjenzat abbandun u neglect . Qalet li ghaddiet minn hafna eseprjenzi li kienu trawmatici li lilha hallewha vulnerabbli sew bhala pesuna. Jghid li l-ansjeta u d-dipressjoni huma zewg elementi li huma intrinsici ghal-istat taghha.

Spejga li ghalih hija pesuna vulnerabbli minhabba diversi ragunijiet: Minhabba id-deprivazzjoni u neglect li kellha minn meta kienet ghadha zghira kemm fi tfulitha kif ukoll fl-adoloxxenza taghha kif ukoll fl-*early adulthood* taghha ghax dawk huma l-izjed snin formattivi tal-persuna. Spejga li anke illum ghadha tghix bic-challenges taghha izda is-snin formattivi taghha hallewha vulnerabbli. Ghalhekk minhabba dan il-mod ta' kif tipprocessa l-hsibijiet taghha kif ukoll il-mod kif tahseb huwa differenti. Jghid li ghandha bzonnijiet kbar hafna, l-bzonijiet intrinsici ghall-emozzjoni ghall-effett ghall-attenzjoni u dak li Joanne jghamilha dependenti u ghalhekk hija iktar vulnerabbli. Dan jispjega li meta jghid li hija vulnerabbli mhux ghax ma tkunx trid izda ma hijex kapaci tiehu hsieb is-*self preservation* taghha. Joanne mhiex kapaci titghallem bhal ma jitghallem persuna normali kif tipprotegi lilha innifisha. Jghid li tbati ukoll minn kundizjzoni psikjatrici minhabba l-personalita' taghha. Tbati minn mard mentali. Kienet ripetutamet tigi hospitalized kemm fl-isptar Monte Carmeli kif ukoll fis-psychiatric ward tal-isptar San Luqa u dak ukoll jirrifletti l-vulnerabiltá taghha. Tibqa' dejjem ghanda bzonn l-ghajnuna u s-support ta' haddiehor.

Dwar Father Charles jghid li Joanne kienet isemmihulu hafna u f'kuntest ta' relazzjoni mieghu min naha taghha u li kienet tahseb fih hafna. Qal li kienet thoss emozjoni qawwja hafna lejh, gibda lejh, xewqa ghalih u kienet tiddeskrivilu drabi fejn kienu jiltaqghu b'mod regolari.

Jghid li kienet tkellmu fuq l-emozjonijeit taghha. Kien hemm zmien li kienet thossha migbuda lejh u kien hemm zmien ta' ambivalenza u kien hemm zmien meta kienet tkun

irrabjata hafna ghalih u kienet thoss li giet trawmatizzaata minnu. Jghid li dan iz-zmein kien wiehed intermittent pero' dam ghaddej. Kienet tispjegalu r-relazzjoni ta' bejniethom.

Iddeskriva li Joanne bhal persuna li '*she wears her emotions on her sleeves*'. Hija persuna emozjonali hafna u ma toqghodx attenta ghal dak li tghid u kif tghid l-affarijiet. Persuna normali toqghod attentata kif tghid certu affarijiet . Izda l-bzonnijiet taghha u n-*neediness* taghha ghal haddiehor igieghla tispjega hafna l-emozjonijiet u l-esperjenzi taghha u f'dak il-kuntest, Joane Rizzo m'hijiex normali. Hija persuna differenti minn haddiehor u persuna normali ghandu jinduna li hija differenti minn haddiehor. Jghid li Father Charles lilu qatt ma kellmu dwar Joanne Rizzo, pero' meta kienet taht il-kura ta' Dr. John Mifsud dan kien impedih milli imur jarha l-Isptar Monte Carmeli.

Illi x-xhud rega gie riprodott biex jixhed nhar it-23 ta Lulju 2015 u spjega li personality disorder tigi kontrollata b'kura farmakologika, kura psikologika u appogg socjali. Din il-kura twaqqaf l-istat permanenti taghha. Jghid li *Personality Disorder* hija sitwazzjoni permanenti fil-maggoranza tal-kazijiet imma wiehed itaffi kemm jista' jkun is-sintomi u s-sofferenza tal-individwu.

Qal li hemm nies li huma bordrerline personality disorder, fejn l-emozjonijiet taghhom huma emozzjonijiet qawwijin, huma persuni ta' hafna bzonn, minhabba f'hekk isiru dipendenti ghax ikollhom ghatx kbir ghal xi hadd li jiehu hsiebhom. U persuni huma vulnerabbli fil-kuntest tal-kundizzjoni taghhom. Huma f'riskji ta' dipressjoni u huma f'riskju ta' suwicidju.

Mistoqsi jekk persuna li tidhol fl-Isptar Monte Carmeli tfisser li ma tistax ikollha relazzjoni ighid li "persua li tkun rikoverata go l-Isptar Monte Carmeli, mija fil-mija ghax dahlet go l- Isptar Monte Carmeli m'hix raguni ghalfejn ma tidholx go relazzjoni" pero' izid ighid li persuna go l-isptar Monte Carmeli, '*by nature of that state*' turik li dik il-persuna hija vulverabbli. Jghid li il-fatt *ut sic* li dhalet l-isptar Monte Camreli turik li dik il-persuna jista' jkollha vulnerabilitá, kemm f'relazzjoni u kemm f'oqsma ohra tal-hajja

taghha. Pero' ma jeskludix li jista' jkollha relazzjoni u lanqas ma ifisser li kull persuna li dahlet Monte Carmeli tfisser li jekk ikollha relazzjoni din qed tigi abbuzatha.

Izid jghid li kull bniedem ghandu l-issues personali li jikkondizzjonaw il-bzonnijiet emottivi tieghu. Pero' ighid li hemm nies li minhabba l-vulnerabilitá taghhom, maghruf bhala *cognitive vulnerability* ma jsitghux jitghalmu mhux ghax ma jridux izda ma jsitghux jitghallmu u allura jsiru dipendenti u izjed vulnerabbli minhabba l-mod li l-mohh jipprocessa l-affarijiet li jkunu ghaddejjin fil-hajja tieghu.

Jaqbel li kull persuna tipprocessa c-cirkostanzi li tkun fihom b'mod uniku, b'mod individwali tieghu. Jghid li l-maggoranza tan-nies jipprocessawhom b'mod li huwa jssejjah normali u hemm nies ohrajn li minhbba l-vunerabilitá taghhom b'mod li jahseb il-mohh, jipprocesaw b'mod differenti.

Ikkonferma li kien ilu jiehu hsieb lil Joanne Rizzo bhala pskijatra ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena pero' qatt ma hass il-htiega li din tigi interdetta jew inkapacitata.

Jaqbel ukoll li min ibati minn ansjeta jew depressjoni ma ifissirx li mhux normali. Tant hu hekk li jghid li ghaxra fil-mija tal- poplu dinji ibati minn ansjeta u ghaxra fil- mija ibatu minn depessjoni '*at this moment in time'*. Jghid li nies li jbaghtu minn ansjeta u depressjoni xorta jibqghu nies noramli pero' ighid li l- maggoranza ta' nies li jbatu minn depressjoni u ansejta ma jbatux ukoll minn problema ta' personalitá.

Fil-kaz ta' Joanne Rizzo jghid li d-depressjoni u l-ansjeta' jzidu r-riskju ta' vulnerabiltá taghha. Qal li jezistu sitwazzjonijiet fejn persuna ma tkunx konxja mill-ewwel tal-personality disorder ta' haddiehor.

Mistoqsi jispejga xi tfisser persuna normali ighid li tfisser li l-persuna tkun kapaci tghix hajja normali, tiffaccja l-istress tal-hajja, tkun kapaci minkejja l-sfidi tal-hajja tkompli ghaddejja bil-hajja ta' kuljum u fil-maggoranza tas-siwazzjonijiet, il-maggoranza tal-hinijiet ma tkunx vulnerabbli emozzjonalment. Ma jfissirx li ma jkollux hinijiet fejn tkun

vulnerabbli emozjonalment. Kull bniedem jista' jkollu vulnerabbilitá, fi zmien qasir emozzjonali. Imma meta wiehed ripetutament ghal zmien twil jibqa' hekk vulnerabbli wiehed hemmhekk jgharaf li m'hemmx normalitá.

**Clyde Attard** xehed nhar id-29 ta' April, 2015 u mistoqsi jekk jafx lil Joanne Rizzo jghid li ma jafhiex pero' jghid li lil Father Charles Fenech jafu ghaliex fil-fatt kien ghamel xi hames snin jahdem bhala volunteer mar-Radju Marija u Father Charles kien id-Direttur tal-Programmi ta' Radju Marija.

Mistoqsi jekk kienx hu li baghat l-email esebita fl-atti a fol. 226 markata bhla dok CA ighid li iva. Jghid li dak iz-zmien kien hemm hafna problemi fir-Radju Marija, hafna minnhom amminsitrattivi, bizzejjed jghid li kien hemm mijiet ta' volountiera fir-Radju u kellu jiehu hsieb l-organizazzjoni taghhom. Ghallih dan ma kienx Radju qualunchue ghaliex kien destinat biex iwassal il-messagg ta' Alla. Jghid li kien hemm zmien meta kien hemm xi xnieghat li kienu jikkoncernaw lill-imputat u cioe' li kellu relazzjoni ghaddejja. Jghid li hu ma investigax din ix-xniegha pero' hass li kellu responsabilita' lejn ir-Radju u ghalhekk baghat din l-istess email li giet murija lilu li tinsab esebita fl-atti. Qal lil kien ikkonfronta lil Father Fenech pero' dan kien innega kollox .

**Marisa Gauci,** rappresentant tal-Vodafone xehdet permezz ta' affidavit li sar ai fini tal-artikolu 36A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema affidavit esebit fl-atti a fol. 227 u esebiet xi particulars ta' Joanne Rizzo permezz ta' dokument li finsab fl-atti a fol. 228.

**Marisa Gauci** regghet xehdet nhar it-23 ta Lulju 2015 u u spjegat li in numru 99871176 huwa registrat f'isem Joanne Rizzo Id Card number 0031771(M).

**Anthony Bonnici** rappresentant ta' Go Mobile xehed nhar it-23 ta Lulju 2015 u spjega li in-numru 99871176 mhux *subscriber* tal-Go waqt li in numru 79000106 huwa kuntratt pre-paid u ghalhekk m' ghandhomx kuntatt mas-*subscriber* pero' jghajjat lil xi hadd registrat fi Triq Brighella, Birkirkara.

**Father Charles Tabone** xehed nhar it-23 ta' Lulju, 2015 qal li kien tkellem ma Joanne Rizzo f'okkazjoni wahda u dehrlu li kienet anzjuza u qallha biex tfittex kura ta' psikologa u qal li kien hu li hallas ghal dawn is- servizzi mill-fond tal-karita' tieghu. Ghaliex jghid li ma setax ihalli bniedma nieqsa minn tali kura ghaliex ma kelliex mezzi.

**Father Mark Montebello** xehed nhar it-23 ta' Lulju, 2015 qal li jaf lil Joanne ghaliex kienet marret tkellmu l-kunvent il-Birgu fuq din il-kwistjoni li kellha ma Father Charles u kien ta parir biex tmur titkellem ma Joe Azzopardi pero' ma sema xejn aktar bil-kaz.

Rat ukoll ir-rikors li gie prezentat mill-imputat nhar l-1 ta Dicembru, 2015 fejn talab lil Qorti sabiex tinnomina espert psikjatriku biex jesamina lil parte-civile u jghati l-opinjoni tieghu dwarha, rat l-oggezjoni tal-Avukat Generali u d-digriet ta' l-ewwel Qorti fejn cahdet tali talba.

**L-imputat Father Charles Fenech** irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar id-9 ta' Novembru, 2011 u dan b'mod volontarju. Jammetti li bejnu u bejn Joanne kien hemm relazzjoni intima fis-sens li kienet taghamel sess orali fuqu pero' jinsisti li dan kollu sar bil-kunsens taghha. Qal ukoll li dawn kienu jsiru anke fil-karozza ta' Joanne gewwa il- Buskett[21]. Jghid li dak iz-zmien kien ghadej minn zmien hazin ghaliex huh kien qed jissepara minn ma martu. Jghid li kien ikun hemm mumenti intimi ukoll kull nhar ta' Sibt fil-kunvent meta Joanne kienet tmur ghandu. Qal li Joanne kienet titolbu xi affarijeit u hu qat ma qallha le. Spjega li kien imissilha il-parti privata taghha u hi taghmel sess orali fuqu. Jghid li kienet tkun Joanne li titlob li tiltaqa' mieghu. Dawn l-affarijiet damu sa April 2011. Mistoqsi jekk kienx jghir ghal Joanne, jghid li kien jissimpatizza mal-problemi taghha u pprova sincerament jghinha ghaliex kien jaf li hi mahqura. Jaf li ma zammx il-boundaries frott ta' kemm ried jghinha. Mistoqsi jekk kienx jaf li Joanne ghandha problemi mentali jghid li jaf izda qatt ma affettwah. Jichad pero' li qallha li kien ser johrog minn patri biex ikun maghha. Kienet hi li kienet titolbu li jghamel dan. Jichad

[21] fol. 108

li qatt talabha jara xi videos pornografici (fil-fatt fix-xhieda taghha hi qatt ma tghid li ghamel hekk). Mistoqsi jekk meta wasslitu l-Mellieha ghall-Esercizzji kienx qabdilha koxxitha jghid li jista' jkun pero' ma kienx ftakar sew. Mistoqsi jekk qatt talabhiex xi flus jghid li QATT.

Mistqosi jekk hux minu li waqt il-*house warming party* taghha kienux telghu fuq il-bejt taghha u pprova ibusha u hi imbuttatu 'l hemm ighid li ma jiftakarx. Lanqas ma jiftakar li qallha l-kliem li '*Gesu iridu ihobbha peress li batiet hafna*'. Jghid li minhabba is- sitwazzjoni '*pitiful taghha*' u sabiex ighinha tohrog minn dak id-*downess* hass li kellu jagixxi hekk. Jghid li qatt ma ried jisfruttha pero' l-intimita' min naha tieghu u taghha kienet wahda genwina. Mistoqsi jekk hux minnu li Joanne rat xi mesaggi ta' nisa ohra u kienet tirrabja hafna jghid li jista' jkun. Mistoqsi jipjega x'ried ifisser meta kien jghidilha '*I love you*' jghid li xtaqilha l-gid. Anke meta kien jibghatilha messagg bhal '*inhobbok tal- genn*' kien jibghatu mhux jghaddiha biz-zmien izda ghaliex kien jixtiqilha il-gid. Ikkonferma li kien jaf li Joanne hija *out/in* patient l- isptar Monte Carmeli u l-psychiatric Unit. Ikkonferma wkoll li kien ikun hemm telefonati intimi bejneithom fuq sess. Jghid li jiftakar li f'Marzu/April 2011 kienet cemplitlu diversi drabi u qaltlu li ma kienitx qed tiehu l- pinnoli u ghalhekk kien cempel lil Dr. Cassar.

Mistoqsi ghaliex kien igib ruhu hekk maghha meta kien jaf li kienet giet abbadunata meta kienet zghira, kienet giet abbuzata fizikament fiz-zwieg u ghamlet rapport ta' abbuz sesswali minn missierha jwiegeb li dak li ghamel ghamlu b'intimita u mhux b'abbuz. Jinsisti li r-relazzjoni li kien hemm bejnethom kienet wahda reciproka.

Jidher li apparti din l-istqarrija l-imputat irrilaxja stqarrija ohra u dan stante li jibda' din l-istqarrija tad-9 ta Novembru, 2011 billi l-Ispettur investigattiv tghidlu '*Ghadek kif irrilaxxjajt stqarrija u tlabt li terga titkellem mieghi. Dan tikkonfermah*?' Pero' fl-atti ma hemmx stqarrija ohra apparti din li saret referenza ghaiha aktar 'l fuq Dok DV.

L-**imputat** Father Charles Fenech illum appellant xehed ukoll minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-1 ta' Marzu 2017 ( fol. 321). Jghid li huwa ghandu 55 sena u ibghati mid-

dijabete, mill-pressjoni u anke bil-breakdown. Huwa esebixxa lista tal-medicinali li jiehu hu li giet markata bhal dok CSF esebita a fol. 350. Dawn johodhom biex jittratta l-kundizjzonijiet tieghu. Jiehu ma l- ghoxrin (20) jew tnejn u ghoxrin (22) pinnola kuljum regolarment fil-ghodu f'nofsinhar u filghaxija u qabel jorqod.

Spjega li s-swali tal-kunvent huma kbar hafna u jintuzaw ghall-katekizmuu ghal-diversi attivitjiet ohra. Muri hames ritratti markati bhala CSF1 u jghid li dawn huma ritratti ta' swali li jaghtu ghal kuritur passiggjuz hafna. Fil-fatt huwa pasagg pubbliku u jghidulu Strada Irjali ghax minnu jghaddi kulhadd.

Ikkonferma li kien jibghat messaggi lil Joanne bhala inkoraggjament pero' hi kienet tibghat lilu ukoll. Qal li meta kien jiktbilha '*I love you*' din ma riedx ifisser li jrid ikollu x'jaqsam maghha izda kienet tkun mibghuta b'intensjoni ta' kuragg ghall-mument iebes li tkun ghaddejja minnu.

Kien jaghamel hekk biex jghatiha appogg u kuragg. Fil-fatt ikkonferma li l-messaggi li gew esebiti l-Qorti kienet il-konversazzjoni li kien ikun hemm benjiethom. L-iskop kien wiehed li jaghti kuragg u farag lil Joanne Rizzo. Mistoqsi x'kienet tfisser ghalih il-fatt li Joanne kient pazjenta l-isptar Monte Carmeli ighid li ghalih ma kienet tfisser xejn. Huma bhala sacerdoti ma ipoggux in-nies f'kategoriji, izda jilqghu in-nies b'idejhom miftuha. Ikkonferma li kienet persuna li batiet hafna[22].

Mistoqsi xi irid ifiser li kien hemm mumenti intimi ma Joanne, jghid li kien ghaddej min perijodu iebes hafna fil-hajja u kien ikun hemm Joanne u kien jismaghha. Darba minnhom marru l-Buskett bil-karozza taghha u hemmhekk waqa'. Jghid li dak il-hin waqa' ghalih kien il-mument li mbaghad kissru psikologikament. Ikkonferma li l-karozza kienet tkun ta' Joanne u hu ma jsuqx. Qal li kienu jiltaqghu fid-dar taghha ukoll lejn l-ahhar tar-relazzjoni.

---

[22] Pagna 327 xhieda datata l-1 ta Marzu 2017.

Mistoqsi jghid x'gara fil-Knvent jghid li dak li gara fil-kunvent gara wara l-episodju tal-Buskett. Jghid li fil-fatt Joanne kienet gia marret tirraportah lill-Pulizija u ghalhekk hass li kellha *hold* fuqu, jghid li kellha certa power psikologika fuqu u kien jibza' minnha kompletament li kif kienet gia ghamlet kienet ser tirraportah lil Awtoritajiet anke dawk tal-knisja u lis-superjuri tieghu.

Huwa jichad li qatt issekwstra lil Joanne Rizzo. Qal li fejn kien jiltaqa' ma Joanne fil-kunvent kienu jghaddu n-nies u l-patrijiet kollha kellhom ic-cwievet tas-Swali. Muri ir-ritratt X[23] ighidl li dik hija s-serratura tal-bibien u l-patrijiet kollha ghandhom cwievet ta' dawn il-bibien.

L-imputat jitkellem dwar is-sahha tigehu u jghid li sentejn wara li kien qaddes u cioe' fis-sena 1988 kellu *break-down* frott ta' hafna xoghol u xejn msitrieh. Meta waqa' ghat-tentatzzjonijiet ta' Joanne gewwa il- Buskett hakmitu biza' kbira u kien difficlu ghalih li jghid le ghal dak li riedet Joanne. Jghid li hakmitu psikologikament. Qal li meta kienet tistiednu Joanne kien imur mhux dejjem skond il-volontá tieghu izda ghax beza' minnha u sabiex jikkuntentaha. Jghid li kien dahal f'xibka vizzjuza.

Qal illi mis-sena 1988 dejjem baqa' jigi trattat ghal *break-down* tieghu u fil-fatt hafna mill-medicinali li tkellem dwarhom ilu johodhom mis-sena 1988 'l hawn u baqa' dejjem taht il-kura ta' psikjatra. Jghid li xoghlu hu ta' inkwiet dejjem tiltaqa' man nies u ta' ghejja. Meta hassu tant guilty ta' dak li kien gara l-*break-down* tieghu zdied u allura ziedu l-kalmanti u l-anti-depressants.

Dwar Joanne jghid li hu qatt ma qisha bhala persuna bi problemi mentali pero' dejjem bhala persuna titlob l-ghajnuna. Hass li kellu jghatiha widen ta' farag u ghenha kemm seta'. Wara dak l-incident hass li sahtu marret lura. Lilha qatt ma ghajjarha .

Meta spjega r-relazzjoni tieghu ma Joanne jghid li telqet min relazzjoni ta' ghajnuna u

---

[23] a fol. 351

ghalhekk ta' widna biex jisma it-tbatija taghha . Pero' imbaghad dahlet fil-fond. Ghaliex saret wahda mill-membri l-aktar attivi fil-moviment Kerygma u beda jarha ta' spiss, u kienet anke wahda mill-leaders tal-gruppi tat-tfal. Kienu jiltaqghu ta' spiss mhux biss ghall-affarjiet intimi izda anke ghall-affarijiet tal-volontarjat. Kienet mara li tahdem hafna kienet energetika u dejjem hares lejha bhala persuna sepci ta' role model. Qal li minkejja li hakmitu din il-biza' kollha wara l-incident tal-Buskett xorta baqghet tghinu fl-appostolat tieghu, kienet sahansitra anke titlob li tinghata xoghol.

Qal li ghal bidu kienet iccempillu u tghidlu ejja ha niltaqghu u kien izomm il-brejkijiet izda wara certu zmien ceda minhabba il-biza' li kellu. Kien perjodu li kellu *break down* qawwi u zied anke l-pinnoli. Affettwatu hafna, gie imwaqqaf minn kollox, gie imwarrab, imkisser fizikament u mentalment b'mod li hass li sar qisu t-trab ta l-art. Umiljat u imnezza minn kull dinjita' specjalmet meta l-affidavit taghha tqassam lil media hafna qabel ma beda il-kaz.

Qal li Joanne Rizzo kellha relazzjonijiet ma guvintur ohra kemm qablu kif ukoll fl-istess waqt dejjem wara li kien gie ddikjarat null iz-zwieg taghha. Ir-relazzjoni taghha lejh kienet wahda ta' imhabba u ta' ghajnuna. Fil-fatt esebixxa *valentine card* li kien ircieva minghandha u din giet esebita a fol. 354. Jghid li kienet tghidlu li fih sabet il *fatherly figure* li kienet nieqsa minnu. Ghalhekk qisitu mhux biss bhala gharus izda anke bhala missier.

Minn esami tal-kopja ta' din il-card[24] jirizulta li kienet Joanne li qaltlu ' *I love you more as time goes by in each and every way*'. Tirreferi ghalih bhala 'my forever best friend' u tghidlu "*I thank my God each time I think of you when I think of you. I pray with joy…you are always in my thoughts and prayers*." Tghidlu ukoll " *I will never forget your great support and care you give me*" Tiktiblu ukoll "*I never had love and support from those that supost have to give me. My parents had the right to give it to me but you gave it to me. How Can I ever forget you*?".

---

[24] esebita a fol. 354

Pero' minkejja dan kollu wara l-incident tal- Busket beda jibza' minnha u beda jghidilha *'iva'* ghal kollox. Qal li l-imhabba taghha kient wahda possessive hafna u meta kienet tarah ma xi mara kienet takkuzah li ghandu relazzjoni maghha.

Jghid li huwa kien ghazel il- Kunvent sabiex ikun aktar *safe* u kien ikun ahjar milli imorru 'l hemm u 'l hawn. Il-kunvent ghazlu bhala shelter ghaliex kien ikun hemm il-pubbliku. Jghid li kienet titolbu hi bi hniena biex jiltaqghu. Qal li huwa qatt ma ghamel intercourse maghha ghaliex ibati minn impotenza u lanqas ma kien ikollu erezzjoni. Fil-fatt kienet tghidlu waqt blow job *'dan ma jqumlekx ghax qed tmur ma nisa ohrajn?'*

Dwar it-tifsira ta' vulnerabilita' jghid li kienet l-ewwel darba li sema biha l-Qorti f'dawn il-proeduri fir-rigward taghha. Fil-fatt jghid li kull min jitlob l-ghajnuna allura jista' jissejjah 'vulnerabbli'. F'dan ir-rigward huwa wkoll persuna vulnerabbli ghaliex kellu break-downs u kien taht kura ghalihom. Mhux hekk biss izda kellu biza' li hakmitu b'mod li pparalizzatu.

Qal li meta gie imwarrab u imepdut milli jezercita l-pastorali ifisser li hajtu waqfet.

Mistoqsi jekk kienx imur jarha l-isptar Monte Carmeli ighid li qatt ma mar. Jispejga li darba kien hemm incident meta kienet rikoverta il-psychiatric ward tal-isptar u kien mar izurha izda imbaghad harget ordni li hadd ma kellu izurha la hu u lanqas Monsinjur Lawrence Gatt li kien id-Direttur tad-Dar tal-Provdienza fejn kienet tahdem.

In kontro-ezami jghid li wara l-incident tal-Buskett, Joanne Rizzo kienet baghtitlu ittra fejn qaltlu li *'it was the greatest day of my life'*. Ikkonferma li l-affari kienet wahda reciproka qatt ma sfurzaha. Mistoqsi in kontro-ezami jekk hux minnu li kien jitlobha tmur fil-kamra tieghu jghid li mhux minnu. Fil-fatt jghid li kamartu tinsab fis-sular ta' fuq li mhux accessibli ghall-pubbliku.

Jichad li ghalih Joanne hija pesuna vulnerabbli. Kull min imur ghandu huwa tista' tghid vulnerabbli ghaliex ikollu bzonn xi forma ta' ghajnuna u huwa ta' hajtu biex jisma dawn

in- nies.

Il-**Professur David Mamo** xehed nhar is-7 ta' April 2017 u spjega illi huwa Professur fil-psikjatrija fl-Universita ta' Malta u Konsulent fil-Psikjatrija fl-Isptar Monte Carmeli. Qal li l-ewwel darba li ltaqa' ma Father Charles kien fis-sena 2014 (ghalhekk wara li kien sar dan il-kaz u wara li kien tressaq il -Qorti). Qal li jafu biss professjonalment u ma kienx jafu qabel. Qal li kien tah hamsa u ghoxrin appuntament minn Novembru 2014 sal jum meta xehed il Qorti. Qal li Father Charles ibati minn burdata mgharufa bhala '*break down*', depression rikorrenti kif ukoll minn problema ta' ansjeta, ansjeta ta' inkwiet u jkollu wkoll panic attacks. Ghandu wkoll problema ta' personalitá. B'ansjeta jfisser li persuna tewden u tinkwieta hafna. Waqt li *panic attacks* huma ansjeta qawwija illi jipparalizzawk dak il-hin dak li jissehhah *obsessive personality disorder.*

Dwar il-kundizzjoni tal-burdata dan ifisser li dak li jkun jitlef l-interess f'kollox, isir dependenti hafna fuq in-nies u jkollu bzonn support min-nies ohra kif inhu l-kaz ta' Father Charles. Dwar il-kaz ta' ansjeta, ikun hemm il-problema ta' hafna tewdin, hafna inkwiet, diffikolta biex wiehed jorqod u biex jiffoka. Panic attacks jirrizultaaw meta qalb dak li jkun tibda thabbat hafna, jirtghod u jhossu paralizzat fl-azzjonijiet tieghu, ma jkunx jista' jiehu decisjonijiet. Fil-problema ta' O*bsessive Compulsive Personality* disorder, din hija kundizzjoni fejn il-persuna l-mod kif jirreagixxi ghal affarijiet ta' kuljum ikun pjuttost rigidu fil-hsibijiet tieghu, jigifieri fl-emozjoni, biex jiddilja man nies b'mod emozjonali. Tendenza ghall-perfezzjonizmu u bzonn kbir li jkun '*on task* ' hafna u difficli li tbiddilhom ir-rutina u t-task taghhom.

Ikkonfermalu jiehu xi ghaxar pilloli kuljum li huma psikjatrici pero' jiehu medicinali ohra. B'mod preciz ighid li jiehu il-pinolla Lexotan u minn dawn jiehu hamsa kuljum u gieli jiehu ohra. Is-side effects ta' din il-pillola hi li jraqqduk u jghajjuk. Jiehu wkoll Anafranil li hi antidepressant u dawn johodhom tlett darbiet kuljum u s-side effects taghhom huma li tkun stitiku u li jkollok halqek xott kif ukoll *side effects* sesswali ta' potenza. L-Anaframil inaqqsulek l-aptit sesswali ghaliex jikkawzalwlek problemi fil-

poteza u ghalhekk ikollok diffikolta biex ikollok relazzjoni sesswali. Jiehu ukoll medicinali minhabba d-dijabete u l-pressjoni u dawn ukoll jaffettwawlek l- probelma ta' potenza sesswali.

Mistoqsi x'ghandu xi jghid fl-isfond ta' dak kollu li qal dwar is-sahha ta' Father Charles partikolarment dwar dan l-incident fejn hu akkuzat li abbuza minn xi hadd li hu vulnerabbli x'ghandu xi jghid iwiegeb bis-segwenti.

Mill-aspett ta' brudata u ansjeta dawn ma jghinuhx biex jiehu decizjonijiet fir-rigwaard ta'relazzjonijiet inter-personali billi jkompli jewden x'ghandu u x'm'ghandux jghamel Minhabba l-kundizzjoni medika tieghu hija difficli hafna ghalih jiehu decisjoni. Jekk jiffaccja ruhu b'xi kunflitt jista' jipparalizza ruhu wkoll qisu ma jkunx jista' jiehu azzjoni. Dan kollu jigi mill-ansjeta' u l-*panic attacks*. Ghalhekk isib ruhu f'diffikolta kemm emottiva, jigifieri meta jigi affaccjat b'hafna probemi emozzjonali u jkollu problema biex jiddilja maghhom, kif ukoll, ghaliex ikollu kunflitt ghaliex irid ighin lil haddiehor. Din hija l-perfezzjonizzmu u r-rigidita' fil-personalitá tieghu.

Huwa differenti minn haddiehor '<u>by definition'</u> minhabba d-definizzjoni ta' personalitá tieghu, huwa l-mod ta' kif wiehed jipprocessa u jahseb fuq l- affarijiet u jagixxi ghalihom. Allura l-personalita' tieghu hija dik ta' *obsessive compulsive personality* u din taffetwa kif bniedem jirreagixxi.

Jghid li l-kawza tal-peronsalita' taghna hija dik li hi, jigifieri parti mill-egentika taghna u parti mit-trobbija taghna. Fil-fatt jghid li l-kundizzjonijiet li jbati minnhom Father Charles mhumiex normali ghaliex kieku ma jissejhux '*kundizzjonijeit*'. Minhabba dawn il-kundizzjonijiet Father Charels jahseb u jirreagixxi b'mod differenti. L-ansjeta' tpoggik f'kundizzjoni li ma tistax tirreagixxi dak il-hin. Stqarr li persuna normali fis-sens ta' '*the lay man'* mhux facli ghalih jinduna bi problema ta' personalita'. Fil-fatt saret referenza ghal dak li stqarr Dr. David Cassar fir-rigward tal-vulnerabilta ta' Joanne Rizzo u l-Professur Mamo ighid li dan ir-ragunament japplika wkoll ghal Father Charles Fenech. Jikkonferma li pesuna bhal Father Charles ma hux kapaci jiehu hsieb is-*self preservation*

tieghu lanqas u hu wkoll peruna vulnerabbli. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fir-rigward ta' Father Fenech jghid li huwa persuna vulnerabbli fid-decizjonijiet tieghu, hafna drabi johodhom minhabba l-bzonn illi jibqa' jaghmel dak li suppost qed jaghmel. Jigifieri li qed jghin u meta tpoggi lil Father Charles f'sitwazzjoni ta' affett qawwi dan jithawwad. Jghid li Father Charels ghandu diffikolta' biex jiffaccja' l-affett u ghalhekk meta jaffaccja l-affett jibda' jewden, ma jkunx kapaci jiddecidi u hafna drabi minhabba fin-nuqqas ta' decizjoni tieghu jibqa' ghaddej b'dak li jkun qed jghamel.

In kontro-ezami jghid li l-vulnerabilita' hija dipendenti mhux fuq l-istat biss imma wkoll fuq is-sitwazzjoni li jafaccja l-bniedem dak il-hin, ghaliex jekk tkun prezenti l-hin kollu imbaghad dak li jkun jigi inkapacitat. Il-vulnerabilitá hija kwsitjoni ta' reazzjoni li titanqal f'certu zmien u hin u allaccjata ma certu' cirkostanza. Meta wiehed ikun fi stat ta' vulnerabiltá mhux dejjem japrezza dak li jkun qed jaghmel. Jista' jsib ruhu fi stat kif jghidu l-Amerikani '*its my way or the high way*.' Father Charles ghandu problema biex ibiddel il-*gear* jew idawwar l-*isteering* u jkollu bzonn ghajnuna biex jghamilha. Ikkonferma li qabel ma Father Charles beda bil-kura tieghu kien taht il- kura ta' Dr. George Debono.

**Ikkunsdirat ulterjorment.**

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2018 u rat li ghalhekk din il-kawza illum tinsab differita ghas-sentenza. Din il-Qorti hija konxja li quddiemha hemm pendenti kemm appell ta' Father Charles Fenech kif ukoll tal-Avukat Generali.

Jinghad li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u cioe' li ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna ta' Joanne Rizzo liema persuna ma stghetx tirresisti minhabba marda tal-gisem jew mohh ghal raguni ohra indipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba mezzi qarrieqa li jkun inqeda bihom u illiberatu miz-zewg akkuzi l-ohra. L-appellant talab konfema fir-rigward fejn l-ewwel Qorti ma sabitux hati tal-tieni u t-tielet akkuza u lliberatu minnhom pero' talab riforma fis-sentenza fir-rigward

ta' l-ewwel akkuza fejn sabitu hati taghha billi minflok tilliberah u f'kaz li tikkonferma din il-parti tas-sentenza ghandha pero' tvarja il-pena inflitta.

Min naha l-ohra l-Avukat Generali li ukoll interpona appell talab li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza, tikkonfermaha fir-rigward tat-tieni akkuza fejn ma sabitux hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna u tirrevokaha u thassarha fir-rigward ta' dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet akkuza dedotta kontra tieghu u minflokk isib lill-appellant hati ta' din it-tielet akkuza u tinflingi piena skont il-ligi u fil-parametri relattivi. L-Avukat Generali talab ukoll revoka u thassir ukoll f'dik il- parti fejn l-appellant gie ikkundannat ghal piena ta' tlett xhur prugnerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 gew sospizi ghal-sena mid-data tas-sentenza u minflok teroga piena fil-parametri relattivi u in piena ottemporanza mal-ligi.

**Fatti tal-kaz**

Jidher u mhux kontestat li bejn l-imputat, qua appellant u Joanne Rizzo kien hemm relazzjoni pjuttost intima fejn kienu jiltaqghu ta' sikwit f'diversi postijiet u talvolta jghamlu wkoll xi atti sesswali. Jirrizulta li kemm l-appellant kif ukoll il-kwereanti huma maggorenni. Jirrizulta u mhux kontestat li kien hemm okkazjoni meta l-kwerelanti marret tigbor lill-appelant mill-Kunvent u saqitu sal-Buskett fejn hemmhekk fil-karozza taghha ghamlu xi atti sesswali tant li skond ma tghid Joanne Rizzo ghamlet '*blow job*' lill-appellant. Dwar dan l-appellant jghid li ma jiftakarx bl-ezatt id-detalji pero' jaf li maru hemmhekk u jghid ukoll fix-xhieda tieghu *viva voce* li dakinhar waqa' ghat-tentazzjoni taghha u kien minn hemm l-quddiem li tfarrak emozjonalment u bbeda jhossu mbezza'. Jirrizulta wkoll u mhux kontestat li l-kwerelanti kienet tmur izzur lill-appellant il-kunvent fejn hemmhekk ukoll gieli kien ikun hemm xi atti sesswali u gieli anke fid-dar taghha. Jirrizulta li kienet tkun il-kwerelanti li kienet tmur tigbor lill-appellant ghaliex hu ma jsuqx u karozza m' ghandux u gieli hargu flimkien b'xi taxi. Dwar dan kollu ma jidhirx li hemm xi kontestatazzjoni.

Jinghad li kemm il-kwerelanti kif ukoll l-appellanti huma maggorenni u dawn l-atti saru meta it-tnejn li huma kienu maggorenni. Il-divergenza pero' fil-partijiet f' dan ir-rigward hija filwaqt li l-prosekzzjoni tallega li l-appellant abbuza mill-vulnerabbilitá tal-kwerelanti, id-difza tghid li l-appellant ukoll huwa persuna vulnerabbli u dak li sehh bejn il-partijiet sar bil-bona volontá taghhom it-tnejn minghajr ma ebda parti induca lill-parti l-ohra biex taghmel xi haga kontra l-volontá taghhom.

Il-prosekuzzjoni ressqet lil Dr. Daivd Cassar jghid li l-kwerelanti hija pazjenta tieghu u ddeskriviha bhala persuna vulnerabbli. Filwaqt li d-difiza ressqet lill-Profesur Mamo jghid l-istess haga dwar l-appellant. Iz-zewg professuri jghidu li l-vulnerabilitá hija kundizzjoni a normali u tiddependi fuq cirkostanza u zmien. M'hix kundizzjoni li hija permanenti il-hin kollu. Dr .Cassar jghid li wiehed jista' jinduna li in effetti l-kwerelanti kienet vulnerabbli waqt li l-Profesur Mamo jghid li persuna tat-triq mhux dejjem tista' tinduna li persuna tkun vulnerabbli. Iz-zewg medici jghidu li l-fatt li persuna tkun ghamlet zmien l-Isptar Monte Carmeli u fis-psychiatric ward ma jfisirx *ut sic* li dik il-persuna ma jistax ikollha relazzjonijiet intimi jew li taghmel atti sesswali pero' Dr. Cassar jghid li tista' tkun indikattiva ta' l-istat mentali ta' dak li jkun. Huwa insista pero' li l-kwerelanti ghalkmm sejhilha vulnerabbli qal li m'hix wahda li ghandha tkun dikjatata inakapacitata.

Jirrizulta mill-provi fuq prodotti li l-kwerelanti kellha trobija difficli u kellha nuqqas ta' imhabba kbira f'hajjitha u dan hu ammess minnha stess. In fatti *ex-admissis*[25] tghid:-

"…*Familja m'ghandix, cirkostanzi tal-familja tieghi ma nistax inekellimhom. Ghax minflok ighinuni jibghatuni izjed l'isfel.*"

Rat lil-omma tispara lil nannitha, giet abbuzata minn missierha, ommha abbandunata u dahhlitha f'istitut mas-sorijiet meta kienet ghada zghira. Jirrizulta wkoll li iz-zwieg

[25] Pagna 16 tax-xhieda taghha tas-16 ta Dicembru 2014

taghha tfarrak tant li dam ghaddej biss ghall-perjodu ta' tlett snin. Li kienet taht kura psikjatrika u li kellha vojt kbir f'hajjitha. Jirrizulta wkoll pero' li kienet tahdem. Ghamlet zmien tahdem gewwa d-Dar tal-Provdienza, kif ukoll Agenzija Sapport u spiccat *tutor* l-Inspire fejn anke talbuha biex tbiddel in-natura tax-xoghol ghax kienu sabuha tajba biex tkun fuq sales. Jirrizulta wkoll li kienet team leader tat-tfal mal-Kerygma u ghalhekk ftit jista' jinghad li fil-fatt verament kienet mara daqstant vulnerabbli una volta kienu jigu fdati ghandha t-tfal mill-awtoritajiet tal-knisja.

Jidher li l-kwerelanti kellha xi hbieb u li anke siefret lejn Lourdes. Jidher li kienat mara possessiva fuq l-appellant tant li darba minnhom anke marret ghand Marianne Cushieri ghas-sodisfazzjon ghaliex kien hemm min qallha li kellha relazzjoni ma Father Charles ukoll u dan l-affront sar minkejja li ma kientix tafha[26].

Marianne Cuschieri fil-fatt tghid fix- xhieda taghha[27] li l-kwerelanti qaltilha li :- "*bdiet tghidilha (b'referenza ghal kwerlanti) l-istorja ta' kemm ilha mal-Father u l-messaggi u li ma jistax jkun li jkollu mara ohra hliefha*"

Tghid ukoll ex-admissis u dan b'refernza ghal Father Chrles "*hu kien tip li jweggak b'haddiehor biex inti issir thobbu u tiggenen aktar fuqu*"

Jirrizulta li bejn il-partijiet u cioe' l-appellant u l-kwerelant kien hemm skambju ta' messaggi uhud minnhom ta' portata ta' relazzjoni intima u dan mhux kontestat lanqas mill-appellant li jghid li kien jghamel hekk biex jghati appogg u fiducja lill-kwerelanti[28]. Jidher li kif stqarret l-kwerelanta stess hija kienet thobb lill-appellant u ratu bhala *father figure* taghha. Qalet li kien *caring* hafna maghha u kien ghalhekk li kienet tfittex il-kumpanija tieghu. Jirrizutla li anke Valentine card baghtitlu fejn irringrazzjatu ghal dak

---

[26] Xhieda tas 16 ta Dicembru 2014 fol. Marianne tghid li l-kweralnti itnrodiuciet ruhha maghha.

[27] ibid

[28] Dawn jinsabu eebiti fl-atti a fol. 56 et seqdok JM2.

kollu li ghamel maghha u kemm kienet kuntenta bir-relazzjoni taghha mieghu[29].

Illi ghalhekk jibqa' biss il-kwistjoni jekk il-kwerelanti tant kienet '*vulnerabbli*' li ma setghetx taghti l-kusnens taghha biex tirrezisti l-atti seswali li kienet taghmel mal-appellant u dan minhabba xi mard tal-gisem jew tal-mohh.

Dwar il-kapacita l-awtur **Blackstone**[30] jghid hekk:

"*Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it. Common law principles suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is intoxicated by alcohol or drugs. These principles still apply ...*

Fil-fatt **Archbold** fil-ktieb tieghu[31] jitkellem fuq intercourse u fis-sentenza fl-ismijiett **Rex vs Fletcher** [32] jispjega li fejn persuna ta' intellet baxx li ma kienitx kapaci li tiddistingwi tajjeb minn hazin kellha tigi misjuba hatja mill-gurija li ma kientix kapaci li taghti l-kunsens taghha jew li tezercitá l-gudizzju taghha minkejja li m' ghamlet l-ebda resistenza kellha tinsab hatja tar-reat ta' stupru minghajr il-kunsens taghha. Pero' aktar tard fis-sentenza **Rex vs Ryan** [33] il-fatt biss li kien hemm intercourse ma tfajla imbecilli li kienet mara zviluppata li kienet kapaci li tirrikonoxxi t-tajjeb mill-hazin li kienet kapaci li tiddistingwi u tiddeskrivi l-aggressur minkejja li kellha tendenzi ta' imbecilli ma kienx bizzejjed biex il-malvivent jinstab hati. Jghid li huwa important hu li "*it must be proved that at the time of non-consensual acts, the defenant knew that the victim was not consenting or*

[29] Vide valentine card esebita fl-atti a fol. 354 fol. II.

[30] Criminal Practice 2009 edition

[31] Archbold 97 para 20.28

[32] 1859 fol. 1697 Archbold

[33] 1846 2 Cox 115 fol. 1697

*that he was rekless as to whether she or he was consenting*." Zgur li f'dan il-kaz ma jirriuzlta li l-appellant kien jaf li l-kwerelanti ma kienitx qed taghti l-kunsens taghha sabiex isir l-atti sesswali molto piú meta tqis li kienet hi stess li kienet tmur ghalih bil-karozza taghha u li jsuqu ghal diversi postijiet fejn jispiccaw jinnamraw. L-kwerelanti tghid hi stess li kienet thobbu u kemm kien ifisser ghaliha u li kient tkun hi stess gieli li kient iccempillu. Li kieku kienet daqstant vulnerabbli ma kienitx tkun hi li tiehu l-azzjoni izda kienet tkun '*on the receiving end*' fuq id-defence u mhux l-attrici tas-siwazzjoni.

Illi jirrizulta mix-xhieda li tat il-kwrealnti stess li kienet thobb lill-appellant tant li kienet tmur ghalih bil-karozza. Tghid li kienet tiehu pjacir bil-messaggi tieghu ghaliex kien jiehu hsiebha u juriha imhabba. Tghid li kien '*caring*' hafna fil-fatt tghid ex-admissis li fehmet li l-imhabba kienet f'forma ta' 'caring' ( fol. 19). Qalet li meta tkellmet ma shaba Elaine u Dorothy wara dak li kien qed jigri bejnha u bejn Father Charles qaltilhom li bdiet thobbu u li ma tridx li jigrilu xi haga.

Shabha marru jiraportaw l-kaz il-Kurja u giet mitluba tixhed u fil-fatt tghid li sahansitra anke xehdet il-falz ghaliex kienet thobb lil Father Charles u ma riditx li jkollu inkwiet minhabba fiha. Ghalhekk innegat dak kollu li kien sehh. Dan fih innifsu ifisser li ghalkemm jista' jkun li hija persuna 'vulnerabbli' taf ezattament x'inhi taghmel u x'kellha taghmel fic-cirkostanzi. Tghid li kienet thobbu u li kien il-photocopy taghha u li kienet tghidlu b'kollox. M'hemmx dubju f'mohh din il-Qorti li s-sitwazzjoni kienet li kienet a bazi ta' relazjzoni konsenswali u reciproka bejn zewg adulti.

Tispjega illi sahansitra anke li kellha boyfriend iehor cetu Stephen Fleri Soler pero' ma setghetx tkompli mieghu ghaliex fih ma sabitx il 'caring' ta' Father Charles u minn rajha waqfet ghaliex tghid li ma kientix qed thossha tajjeb. Allura dan ifisser li fil-fatt meta riedet setghet tittermina relazzjoni. Jirrizulta li dan Fleri Soler ukoll kien ghal patri minkejja li ma komplix u ghalhekk ukoll ta' certu skola u xorta ma indunax li l-kwerelanti kienet 'vulnerabbli' ghaliex mar maghha. Jidher li l-kwerelanti kienet ukoll mizzewga minkejja li l-prosekuzjzoni qed tallega li kienet tant vulnerabbli li ma tistax tirrezisti

avvanzi sesswali u damet mizzewga ghal tlett snin. Kienet hi stess ukoll li tterminat ir-relazzjoni. Jidher ghalhekk li meta trid hi kapaci tittermina relazzjoni kif del resto ghamlet mal-appellant stess.

Jirrizulta wkoll li meta spiccat ir-relazjoni taghha minn ma Stephen dan sar bl-intendiment min naha taghha li tkompli ma Father Chrles. Fil-fatt meta marret fuqha certu Anna Carter u qaltilha li Father Charles kien ma mara ohra certu Marynne Cushieri u minkejja li ma haditix bi kbir ghaliex tghid li Elaine qaltilha li anke lilha ipprova jittanta xorta marret ghandha ghas-sodisfazzjoni u biex tghidliha bir-relazzjoni taghha ma Father Charles biex b'hekk tkissrilha ir-relazzjoni li setgha kien hemm bejniethom.

Cio' nonostante, regghet cemplet lilu u dan qallha li din Cushieri kienet mignuna u regghet bdiet ir- relazzjoni mieghu. Tghid li kienet thoss gisimha xewk xewk meta tkun mieghu. Kienet thobb hafna l-attenzjoni tieghu.

Illi ghalhekk mhemmx dubju li l-kwerelanti kienet thobb lill-appellant u kienet imgenna warajh jew wara l-attenzjoni tieghu.

Min naha l-ohra jirrizulta li l-appellant ukoll hu persuna 'vulnerabbli' ibati minn diversi kundizjzonijiet medici kif ikkonferma l-Professur Mamo u jghid li kien ibati minn burdata, anxiety u depression. Jghid li hu kien irid jghin lil kulhadd u ma jafx jghid le. Jghid li kien persuna submissive hafna u li ma kienx kapaci jikkontrolla l-agir tieghu. Huwa minnu li in effetti il Professur beda jara lill-appellant wara li bdiet din il-kaawza pero' jirrizulta li l-appellant kien taht kura psikjatra ohra qabel u l-kwerelanti dan ma tichdux ghaliex jghid li kienet taf li l-appellant kien ibati minn dijabete, pressjoni u depression. Ghalhekk kienet taf is-sahha mentali tieghu. Kienet taf li kien taht kura medika u jiehu pilloli.

Father Fenech jghid li wara l-incident tal-Buskett (li dwarha ma tantx jghati dettalji salv li jghid li waqa' u tfarrak wara dik l-esperjenza) huwa spicca hazin hafna. Hass li kien qed jigi mhedded u li l-kwerealnti kienet ser tirraporta ghal darba ohra dak li kien

ghaddej bejniethom. Jghid li hass li kellha hakma totali fuqu u kien jagevolha fuq dak kollu li titolbu biex jikkuntentha bil-ghan li ma tirraportahx lill-Awtoritjiet kif del resto kienet gia ghamlet.

Il Professur Mamo dwar l-appellant ighid li huwa persuna vulnerabbli u jghid li l-appellant kellu bzonn l-ghajununa u support ukoll. Il-kundizzjonijiet tieghu kienu dawk genetici u hafna minnhom minhabba t-trobbija tieghu . Jghid li minhabba l –ansjeta' li kellu l-appellant ma jistax jagixxi dak il-hin ghaliex ihossu paralizzat.

Illi ghalhekk f'dan ix-xenarju zgur li l-Qorti m'hix konvinta li l-appellant ghamel l-atti sesswali mal-kwerelanti bil-ghan li jisfruttaha minhabba marda fil-mohh taghha. M'hemmx dubbju u dan irrizulta li meta riedet l-kwerelanti waqfet mill-inkontri taghha mieghu u ghalhekk irresistiet certu avvanzi jew inkontri. Konsegwentment din l-akkzua ma tirrizultax. Jirrizulta biss li kien hemm atti konsenswali bejn zewg adulti li taw kunsens lil xulxin biex jghamluhom.

Konsegwentment il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u ghalhekk tichad l-appell tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward billi qieghda tiddikajra li ma issibux hati ta' din l-ewwel akkuza u tilliberah minnha.

Dwar it- tieni akkzua ma jidhirx li hemm appell u dan la mill-appellant kif ukoll mill-Avukat Generali u t-tnejn talbu li dik il parti tas -sentnza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant mhux hati ta' din l-akkzua tigi konfermata u ghalhekk dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' din it-tieni akkuza ser tigi kkonfermata.

Issa l-appellant gie akkuzat talli offenda il-pudur jew il-morali b'eghmil zieni li sar fil-pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku skond l-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhala fatt jirrizulta u mhux kontestat li l-kwerealnti ghamlet *blow job* lill-appellant fil-krozza taghha waqt li kienu l-Buskett fil-pubbliku fil-ghaxija, apparti bnadi ohra fil-maghluq u ghalhekk hija din ic-cirkostanza li din il Qorti trid tindirizza.

Illi l-appellant gie akkuzati bir-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghal morali maghmula fil-pubbliku kif kontemplat fl-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ferdinand Grima**,[34] il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-ezistenza ta' dan r-reat u cioe:

a. Li l-imputat ghamel atti li joffendu l-pudur jew il-morali u mhux li l-ghemil in kwistjoni ikun fih innifsu ghemil zieni;

b. F'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

L-element intenzjonali ta' dan r-reat jkun sodisfatt jekk l-att offensiv tad-decenza jkun voluntarju minghajr ma hu mehtieg *id-dolo* specifiku. X'jikkostitwixxi atti li joffendu l-pudur jew il-morali jrid jigi stabbilit minn kaz ghal-kaz ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Caruana**[35], l-ligi taghna fl-**artikolu 209** evitat l-ispecifikazzjoni tal-attijiet ta' libidini jew impudici jew oxxeni u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' att li joffendi l-pudur jew il-morali.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Michelangelo Grech**"[36] inghad illi "*Biex il-post jigi ritenut pubbliku, il-ligi ma tirrikjedix li jkun pubbliku, izda hu bizzejjed li jkun espost ghall-pubbliku, … hu bizzejjed li l-pubbliku seta'# jara l-att dizonest*".

Ghalhekk hu bizzejjed li l-atti jkun tali li joffendi s-sens tad-decenza fil-grad tali li wiehed jista jghid li jnissel jew jista' jnissel.

Kif fil-fatt jghid l-Antolisei fil-ktieb tieghu:[37]

---

[34] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Novembru, 1949

[35] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Jannar, 1996

[36] Deciza fit-22 ta' Ottubru, 1955

[37] Vol 1 pagna 456

"*Un senso di disagio, disgusto o repulsione.*"

Skond l-Imhallef Harding kif ritenut minnu fis-sentenza fl-ismijiet **The Police v William St. John**[38], jekk att jitqiesx bhala tali li joffendi l-unur pubbliku il-gudikant ghandu jara jekk l-atti kienux l-effett ta' zbandatezza jew ta' non kuranza jew ta' nuqqas ta' rigward jew jekk ghal-kuntrarju jkunux atti li intrinsikament joffendu d-decenza u li jkunu gew maghmula deliberatament sabiex minn jghamilha, jaghti zfog ghal volji laxxivi tieghu jew ta' haddiehor.

Issa mhux kontestat li, li jsir 'blow job' f'karozza f'post pubbliku huwa att li joffendi id-decenza pubblika molto piú jekk ikun hem xi tfal ghaddejjin fil-vicinanzi. Dan hu propju li din il-Qorti qed tikkundanna li sar stante li sar f'post espost ghall-pubbliku.

Bl-espressjoni "*lok espost ghal pubbliku*" fl-artikolu 209, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Xuereb**,[39] fejn dik il-Qorti ddecidiet li:

"*Hu evidenti li l-legislatur ma riedx jillimita ruhu semplicement ghal postijiet pubblici jew ghal postijiet li jkunu privati izda 'accessibbli ghal pubbliku' izda ried jinkludi postijiet privati li go fihom terzi persuni jkunu jistghu, noralment jittawwlu u jaraw x'ikun qed jigri, sia jekk dan t-terzi jkun fit-triq, fuq bjut jew fi twieqi.*"

Jinghand '*normalment*' fis-sens li dak li jkun qed jigri f'dan il-lok privat ikun vizibbli ghal terza persuna minghajr ma din jkollha bzonn tuza xi apparat straordinarju bhal titla ma xi hbula, slielem jew kaxxi.

Il-gurisprudenza Maltija accettat kif jirrizulta mis-sentenza moghtija fit-tlieta w ghoxrin

---

[38] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Gunju, 1959

[39] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997

ta' Frar, 1957 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Goldstein[40] u Rex vs Cucciardi[41]**, id-distinzjoni klassika ta' Chassau "*traile des delits et contraditione*" cioe dik bejn post pubbliku mix-xorta tieghu stess, post pubbliku minhabba d-destinazzjoni tieghu u post pubbliku b'accidentabilita, fejn f'tal-ahhar, gie deciz li kamra ta' watchman fil-hinijiet li l-bieb taghha ma jkunx imsakkar hu post pubbliku b'accidentabilitá.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicholas Ciantar**[42], gie tenut li l-ligi ma tirrikjedix li l-post ikun pubbliku, imma huwa bizzejjed li jkun espost ghall-pubbliku (sottolinear ta’ din il-Qorti). Ghalhekk mhux necessarju l-pubblicitá tal-post imma ikun sufficjenti li l-pubbliku seta jara l-att disonest kif jghid **Pincherte[43]**

"*Vi e' oltraggio pubblico al buon costume anche se l'atto commesso in un sito privato ma in modo che potesse essere da altri veduto.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Portelli**[44], gie deciz li karozza pparkjata hdejn il-barracks, anke jekk dawn huma fil-prezent abbandunati, hdejn it-triq ta' Bahar ic-Caghaq, fl-apert fil-kampanja, fid-dawl ta' nofsinhar f'gurnata tas-sajf, tikkostitwixxi lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku ai termini tal-artikolu 209 tal-Kap 9.

Fil-kawza fl-ismijiet **Ili-Pulizija vs Alfred Massa[45]**, gie deciz wkoll li caravan fl-airport accessibbli minn purtiera huwa wkoll caravan espost ghall-pubbliku.

---

[40] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fit-23 ta' Frar, 1957

[41] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' April, 1943

[42] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fit-22 ta' Ottubru, 1955

[43] Diritto Penale - pg 596

[44] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar, 1975

[45] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 1973

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Michael Angelo Grech</u>** [46], il-Qorti rriteniet li l-att ta' minn ikun f'post pubbliku bil-qalziet miftuh u bil-parti genitali tieghu barra huwa tali li joffendi l-pudur u l-morali u jikkostitwixxi r-reat kontemplat fl-**artikolu 209** u mhux ingurja rizultanti minn semplici att indicenti, kif lanqas l-kontravenzjoni ta' minn jesponi ruhu gharwien jew liebes mhux xieraq prevista fl-artikolu 338(Q).

Hija il-fehma ta' din il-Qorti li l-fatt li l-appellant kien f'karozza bil-qalziet tieghu miftuh bil-parti genitali tieghu barra sabiex b'hekk sar il-*blow job* minghand il-kwerelanti hu bizzejjed sabiex jikkostitwixxi attijiet ta' libidini, impudici u oxxeni u qed tikkuntenta bil-lokuzzjoni ta' att li joffendi l-pudur jew il-morali u li tali atti saru f'post espost ghall-pubbliku.

Ghalhekk fid-dawl tas suespost din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant fejn talab konferma fir-rigward ta' din it-tielet akkuza fejn l-ewwel Qorti ma kientix sabitu hati taghha u tilqa' l-appell tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward u tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tat-tielet akkuza.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella</u>**" [14.6.1999] , "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina</u>**" [24.4.2003] u ohrajn.)

F'dan il-kaz din il-Qorti qed issib lill-appellant hati ta' reat li ma kien gie misjub hati mill-ewwel Qorti u ghalhekk m'hemmx dubbju li l-piena li ser tinfliggi hija wahda gdida u li taqa' entro l-parametri tal-ligi. Il-piena kontemplata fil-ligi ghar-reat ipotizzat fl-artikolu 209 hija priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u multa.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qieghda tichad l-appell tal-Avukat Generali fejn talab lil

[46] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 1995

din il-Qorti tikkonferma dik il-parti ta-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u minflok qieghda tilqa' l-appell tal-appellant f'dan ir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u minnflok qieghda tilliberah minnha, qieghda tilqa' l-appell kemm tal-Avukat Generali u tal-Appellant li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni akkuza fejn gie lliberat u qieghda tichad l-appell tal-appellant sabiex din il-Qorti tikkonferama dik il parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lil-appellant mhux hati tat-tielet akkuza u minflok qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward tat-tielet akkuza u tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tat-tielet akkuza u tikkundannah ghall-gimgha prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A qed tigi sospiza ghall-zmien sitt xhur flimkien ma multa ta' hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti spejgat bi kliem ċar ir-responsabbilità tal-ħati, taħt l-artikolu 28B, jekk huwa jikkommetti reat matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti, tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara jekk hux il-kaz li tinhareg akkuza simili skont l-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-kwerelanti.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef